KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# 2025

## RAPPORT ANNWALI

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# 2025

## RAPPORT ANNWALI

# Werrej


Kelmtejn Qabel ..... 04
Struttura Organizzattiva u Governanza ..... 05
Punti Ewlenin tal-2025 ..... 06
Allokazzjonijiet tal-Baġit mill-Gvern 2025 ..... 07
Il-Viżjoni, il-Missjoni u l-Għanijiet Tagħna ..... 08

## L-Istrateġija 09

Strateġija 2030 – Triqitna 'l Quddiem ..... 10

## Il-Finanzjament 22

Il-Finanzjament ..... 23
Figuri Ewlenin Għall-2025 ..... 25
Ammonti Mogħtija fl-2025 ..... 28

## It-Taqsima tal-Films 43

It-Taqsima tal-Films ..... 44

## Il-Komunikazzjoni 45

Il-Komunikazzjoni ..... 46



Dan ir-Rapport Annwali kien possibbli bis-saħħa tad-dedikazzjoni u l-esperjenza tat-timijiet varji tal-Kunsill Malti għall-Arti, li l-impenn tagħhom kien kruċjali fil-kompilazzjoni tiegħu.

**Disinn**
Moose Design Studio

Ippubblikat fl-2026.

# Kelmtejn Qabel



Is-sena li għaddiet kienet tappa importanti għall-Kunsill Malti għall-Arti hekk kif iċċelebrajna l-għaxar anniversarju tagħna; għaxar snin ta' investiment pubbliku sostnut fil-kultura, flimkien mal-iżvilupp konsistenti ta' qafas nazzjonali għas-setturi kulturali u kreattivi. Dan l-anniversarju offra opportunità biex nirriflettu dwar kemm imxejna 'l quddiem kif ukoll mument biex naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna lejn il-futur tal-arti u l-kultura f'Malta.

Il-ħatra tiegħi bħala Chairman Eżekuttiv, filwaqt li ssoktat tibni fuq il-pedament li nbena mit-twaqqif tal-Kunsill 'l hawn, ippermettiet lill-Kunsill Malti għall-Arti li jkompli jikkonsolida r-rwol tiegħu bħala xprun strateġiku għas-settur. Matul l-2025, il-punt fokali tagħna baqa' li nappoġġjaw il-prattika artistika, insaħħu l-iżvilupp tal-organizzazzjoni, u napprofondixxu l-involviment tal-udjenzi b'rabta mad-diversi dixxiplini. Dawn l-isforzi kienu parti mill-fażi finali tal-Istrateġija 2025, li permezz tagħha komplejna navvanzaw kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ġusti, inħarsu l-libertà artistika, u nsaħħu r-rikonoxximent lejn ix-xogħol artistiku u kreattiv.

**Il-programm ta' din is-sena saħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament stabbiliti filwaqt li introduċa inizjattivi ta' bini tal-kapaċità b'miri speċifiċi, opportunitajiet ta' rappreżentanza internazzjonali, u proġetti msejsa fuq il-komunità.**

Kollha flimkien, dawn il-miżuri kkontribwew għal settur aktar diversifikat u reżiljenti, hekk kif jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-produzzjoni kulturali ta' kwalità għolja waqt li fl-istess ħin jirrispondu għall-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-artisti, il-prattikanti u l-organizzazzjonijiet b'mod sostenibbli.

L-2025 kienet ikkaratterizzata wkoll minn approċċ parteċipattiv li ġab flimkien lil partijiet ikkonċernati mill-industrija, artisti, prattikanti, u l-pubbliku. Wieħed mill-mumenti ewlenin ta' din is-sena kien is-seba' edizzjoni tal-Premju għall-Arti, li ttella' fit-Teatru Manoel. Iċ-ċerimonja ġibdet rekord ta' 600 nominazzjoni, b'rebbieħa mħabbra fuq 14-il kategorija kompetittiva u seba' titli onorarji mogħtija lil individwi u organizzazzjonijiet li l-kontribut tagħhom fuq tul ta' żmien sawwar il-pajsaġġ kulturali ta' Malta. Erba' kategoriji ġew deċiżi permezz ta' votazzjoni pubblika li attirat 2,100 vot u evidenzjat l-involviment dejjem jikber tal-udjenza fil-proċess tal-għoti tal-premjijiet.

Pass ieħor sinifikattiv kien it-tnedija tas-sensiela RETOLD, kollezzjoni importanti ta' sitt installazzjonijiet tal-arti u d-disinn li fi snin preċedenti rrappreżentaw lil Malta fil-Biennale tal-Arti ta' Venezja u l-London Design Biennale. Għall-ewwel darba, dawn ix-xogħlijiet distinti ġew esebiti f'Malta, u b'hekk offrejna lill-udjenzi lokali l-opportunità li jiltaqgħu man-narrattivi tagħna mill-ġdid f'siti storikament sinifikanti, fosthom Ħaġar Qim u l-Palazz tal-Inkwiżitur. Fil-qasam internazzjonali, il-parteċipazzjoni ta' Malta f'La Biennale di Venezia 2026 ġiet ikkonfermata uffiċjalment, flimkien mal-parteċipazzjoni debutt tagħna fil-Biennale ta' Gwangju, u b'hekk komplejna nsaħħu l-pożizzjonament internazzjonali tal-arti Maltija permezz tal-kollaborazzjoni, il-mobbiltà u l-iskambju kulturali.

Din is-sena rat ukoll l-organizzazzjoni ta' Insawru l-Futur: Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni tal-Arti, simpożju li sar fl-MCAST u li laqqa' flimkien il-mexxejja ta' istituzzjonijiet nazzjonali, nies li jfasslu l-politika u esperti minn madwar l-Ewropa. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq il-futur tal-edukazzjoni artistika u l-iżvilupp ta' akkademja nazzjonali għall-Arti Performattiva u Viżwali f'Malta, u rriflettew l-impenn kontinwu tagħna lejn l-iżvilupp tal-ħiliet u s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur.

B'mod parallel, il-Kunsill Malti għall-Arti ta l-kontribut tiegħu fil-konverżazzjoni nazzjonali dwar Envision 2050, l-istrateġija fit-tul ta' Malta għall-iżvilupp sostenibbli. Permezz ta' sessjoni ddedikata ta' konsultazzjoni pubblika, stedinna lil prattikanti, partijiet ikkonċernati u membri tal-pubbliku sabiex jesploraw ir-rwol tas-settur artistiku, kulturali u kreattiv fit-tfassil tal-viżjoni fit-tul ta' Malta, b'mod speċjali fir-rigward tal-aċċessibbiltà, ir-reżiljenza, il-benesseri, u l-użu responsabbli tal-art u l-baħar.

Aħna u nħarsu 'l quddiem, nagħmlu dan bl-ambizzjoni espressa fl-Istrateġija 2030. Il-prijoritajiet tagħna huma marbutin mal-bini ta' ekosistema kulturali aktar reżiljenti billi ninvestu fil-ħiliet, prattiki ta' xogħol ġusti u mudelli ta' finanzjament sostenibbli, inrawmu t-talent artistiku permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ aktar b'saħħithom u risponsivi, napprofondixxu l-inklużjoni kulturali billi niżguraw li l-arti tirrifletti u sservi lil komunitajiet diversi, u nrawmu sħubijiet internazzjonali fit-tul li joħolqu opportunitajiet sinifikattivi ta' taħriġ u preżentazzjoni ta' kwalità għolja.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jibqa' impenjat li jibni fuq dak li nbena diġà, waqt li jsaħħaħ il-professjonalizzazzjoni tas-settur sabiex jimmira lejn l-eċċellenza, u jallinja l-politika kulturali mad-direzzjoni soċjali u ekonomika ta' Malta fuq livell usa' bil-għan li jiżgura futur sostenibbli għas-Setturi Kulturali u Kreattivi.

**Dott. Luke Dalli**
Chairman Eżekuttiv

# Struttura Organizzattiva u Governanza

## Bord tad-Diretturi

**Chairman Eżekuttiv**
Dott. Luke Dalli

**Membri**
Dario Vella
Ilona Schembri
Jackie Mercieca
Dott. Jeremy Buttigieg
Joseph Buttigieg
Marika Sammut Dimech
Roselyn Kitcher
Silvana Civelli

**Uffiċjal Kap tal-Operat**
Eric Fenech Sevasta

Nesprimu l-gratitudni sinċiera tagħna lejn it-tim dedikat tal-Kunsill Malti għall-Arti, għall-impenn u l-ħidma sfiqa u bla heda li wettaq matul l-2025. Id-diliġenza u l-għarfien espert tat-tim kienu strumentali sabiex titmexxa 'l quddiem il-missjoni tagħna, titrawwem l-eċċellenza artistika, u jingħata l-appoġġ lis-settur kreattiv f'Malta. Aħna u nħarsu 'l quddiem lejn is-sena li ġejja, inġeddu l-impenn tagħna lejn il-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni, waqt li nieħdu ħsieb li flimkien inkomplu narrikkixxu u nsaħħu l-pajsaġġ kulturali ta' Malta.

# Punti Ewlenin tal-2025



**Jannar** Il-Kunsill Malti għall-Arti Jħabbar Identità Ġdida u Pjan ta' Azzjoni għall-2025 **AQRA AKTAR**




**Frar** Imnedija l-iskema ta' investiment fil-festi Maltin u Għawdxin għas-sena 2025 **AQRA AKTAR**




**Marzu** Serje t'inizjattivi mħabbra mill-Kunsill Malti għall-Arti f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb **AQRA AKTAR**




**April** ACMlab: Impenn Komunitarju u Transsettorjali **AQRA AKTAR**



**Mejju** Sessjonijiet ta' taħriġ: Lokali Għal Globali **AQRA AKTAR**



**Ġunju** Dott. Luke Dalli jinħatar Chairman Eżekuttiv ġdid tal-Kunsill Malti għall-Arti **AQRA AKTAR**



**Lulju** Titnieda RETOLD – numru ta' proġetti minn artisti lokali li għamlu suċċess barra minn xtutna qed jintwerew f'pajjiżna **AQRA AKTAR**



**Awwissu** It-tnedija tal-konsultazzjoni pubblika għall-Istrateġija 2030 **AQRA AKTAR**



**Settembru** Il-pubbliku mistieden jieħu sehem fil-konsultazzjoni ENVISION2050 dwar il-futur kreattiv ta' Malta **AQRA AKTAR**



**Ottubru** Konferenza Nazzjonali tesplora l-viżjoni għal Akkademja Nazzjonali tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta **AQRA AKTAR**



**Novembru** Tinfetaħ is-sejħa għall-Edinburgh Fringe – The Malta Showcase **AQRA AKTAR**



**Diċembru** Jitħabbru r-rebbieħa tal-Premju għall-Arti 2025 **AQRA AKTAR**

# Allokazzjonijiet tal-Baġit mill-Gvern 2025

| In-Nefqa Rikorrenti u Kapitali tal-KMA għall-2025 | |
|---|---|
| Il-Kunsill Malti għall-Arti | €2,925,000 |

| Il-Programmi u l-Inizjattivi ta' Finanzjament tal-KMA | |
|---|---|
| Il-Fond għall-Produzzjoni u l-Kontenut tat-TV | €500,000 |
| L-Iskema ta' Appoġġ għal Proġetti tal-Arti Indipendenti | €1,000,000 |
| Standards ta' Saħħa u Sikurezza fil-Kmamar tan-Nar | €200,000 |
| Film Malta | €300,000 |
| Il-Fond Malti għall-Arti | €400,000 |
| Il-Programm għall-Iżvilupp tal-Kreattività fl-Iskejjel | €120,000 |
| Appoġġ lil NGOs Kulturali | €200,000 |
| Malta Kreattiva | €2,000,000 |
| Il-Fond għal-Logħob Diġitali | €100,000 |
| Ftehimiet għal Sħubijiet Kulturali | €750,000 |
| Il-Festival tar-Rebbiegħa | €70,000 |
| Komunitajiet Kreattivi | €200,000 |
| Obbligu ta' Servizz Pubbliku - Stazzjonijiet tat-TV (Kultura) | €300,000 |
| Programm ta' Esportazzjoni | €170,000 |
| Il-Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza Artistika | €150,000 |
| Appoġġ għal Spazji Teatrali Lokali | €300,000 |
| Total | €6,760,000 |

# Il-Viżjoni, il-Missjoni u l-Għanijiet Tagħna

## Il-Viżjoni Tagħna

**Li npoġġu l-arti u l-kreattività fil-qalba tal-ġejjieni ta' Malta.**

## Il-Missjoni Tagħna

**Ninvestu fis-setturi kulturali u kreattivi biex niksbu livelli ogħla ta' eċċellenza u niżviluppaw l-ekoloġija kreattiva ta' Malta.**

## L-Għanijiet Tagħna

1. Inrawmu u ninvestu fl-espressjoni artistika u kulturali diversa.
2. Nappoġġjaw u nippromwovu l-kundizzjonijiet li jippermettu s-suċċess tas-setturi kulturali u kreattivi.
3. Nippromwovu u nwasslu opportunitajiet immexxija mill-komunità li jippermettu l-involviment fl-arti u l-kultura.
4. Insaħħu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali ta' Malta biex inkomplu niżviluppaw l-iskambji u l-kollaborazzjonijiet artistiċi internazzjonali.
5. Inrawmu kollaborazzjonijiet transsettorjali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli ta' Malta.
6. Inwittu t-triq biex is-sieħba kulturali, fosthom l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, ikunu jistgħu jibnu u jsaħħu l-kapaċità organizzattiva tagħhom.

## Il-Prinċipji Gwida Tagħna

1. Nippromwovu l-avvanz tal-istatus tal-artisti u tal-prattikanti kulturali u kreattivi.
2. Nagħtu valur lid-diversità tal-espressjoni artistika u kulturali, lill-aċċess u lill-parteċipazzjoni bħala partijiet integrali tal-ekoloġija kulturali u kreattiva usa' ta' Malta.
3. Inrawmu sinerġiji transsettorjali fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali sabiex l-arti u l-kultura jiġu rikonoxxuti bħala elementi essenzjali għall-benesseri ta' kulħadd.
4. Nintegraw iċ-ċittadinanza attiva u parteċipattiva biex niżguraw ir-rappreżentanza settorjali u pubblika fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna.
5. Nappoġġjaw l-edukazzjoni, il-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp professjonali u l-iskambju tal-għarfien li jagħtu s-setgħa lin-nies biex jirnexxu fil-prattika kulturali u kreattiva tagħhom.
6. Nibnu u nsaħħu sħubijiet strateġiċi, kollaborazzjonijiet u networks fuq livelli nazzjonali u internazzjonali li jippermettu aktar opportunitajiet għall-artisti u għall-prattikanti.
7. Nappoġġjaw is-setturi permezz ta' involviment pubbliku proattiv li jkun aċċessibbli, effiċjenti, infurmat u mħaddem bl-inqas burokrazija possibbli.
8. Inrawmu approċċ ibbażat fuq l-evidenza sabiex id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħna jkunu infurmati mir-riċerka, l-evalwazzjoni u d-dibattitu.
9. Inħaddnu l-kultura bħala pilastru tal-iżvilupp sostenibbli f'termini tas- sostenibbiltà u tal-interkonnessjonijiet tagħha mad-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-benesseri.
10. Nirrikonoxxu l-infrastruttura kulturali u r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali bħala partijiet integrali mill-avvanz fit-tul tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

L-EWWEL TAQSIMA

# L-Istrateġija

# Strateġija 2030 – Triqitna 'l Quddiem

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Kunsill Malti għall-Arti ħadem fuq l-iżvilupp u l-finalizzazzjoni tal-Istrateġija 2030. L-istrateġija tistabbilixxi d-direzzjoni għas-setturi kulturali u kreattivi sal-2030, tidentifika l-prijoritajiet ewlenin li jeħtieġu intervent, u tipprovdi qafas għal azzjoni fl-industrji u s-setturi kulturali u kreattivi fis-snin li ġejjin.

L-Istrateġija qed titfassal permezz ta' proċess konsultattiv li jinvolvi partijiet ikkonċernati minn madwar is-settur kollu. Il-kontributuri qed jiġu mistiedna jirriflettu fuq il-kundizzjonijiet attwali, u jevidenzjaw l-isfidi prattiċi u l-oqsma li jeħtieġu aktar żvilupp, kif ukoll l-aspetti li wrew reżiljenza matul l-aħħar snin.

Dan il-proċess qed iservi sabiex jinforma l-bażi tal-Istrateġija 2030 b'mod li huwa tanġibbli u marbut direttament mar-realtajiet tal-prattika kulturali f'Malta llum. Waqt li jagħmel dan, jibqa' konness mal-prijoritajiet nazzjonali u mal-kuntesti usa' tal-politika Ewropea u internazzjonali. Matul il-proċess ta' konsultazzjoni qed nikkunsidraw ukoll l-ambjent soċjali u ekonomiku li fih se jiżvolġi ċ-ċiklu strateġiku li jmiss.

Il-viżjoni li tirfed l-Istrateġija 2030 – Nivvalorizzaw il-Passjoni. Insaħħu l-Professjoni. - hija riflessjoni tar-relazzjoni bejn l-impenn artistiku u l-prattika professjonali. L-Istrateġija tirrikonoxxi li l-passjoni artistika tinsab fil-qalba tal-espressjoni kulturali, filwaqt li l-iżvilupp professjonali huwa meqjus bħala essenzjali biex isostni x-xogħol fuq tul ta' żmien. L-attività kreattiva hi valorizzata fiha nnifisha, irrispettivament jekk twassalx għal impjieg formali jew le. L-Istrateġija tirrifletti wkoll l-importanza ta' kundizzjonijiet li jappoġġjaw prattika sostenibbli għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-arti professjonalment, inklużi arranġamenti tax-xogħol ġusti u stabbiltà.

Ir-riċerka u d-data ekonomika daqstant ieħor huma element importanti mill-pedament tal-Istrateġija. F'dawn l-aħħar snin kien hemm tkabbir fil-qasam tal-impjiegi kulturali u involviment usa' max-xogħol kulturali fis-suq tax-xogħol kollu kemm hu. Flimkien ma' dan, l-Istrateġija tirrikonoxxi l-pressjonijiet marbuta mal-prekarjetà u t-tibdil fix-xejriet tax-xogħol fi ħdan is-settur. Dawn il-fatturi influwenzaw l-identifikazzjoni ta' tliet pilastri strateġiċi: l-Iżvilupp Professjonali, id-Drittijiet Kulturali, u l-Internazzjonalizzazzjoni.

L-Istrateġija 2030 hija organizzata skont approċċ tematiku li jallinja l-funzjonijiet ewlenin eqreb lejn xulxin. L-Investiment Pubbliku, l-Iżvilupp u l-Appoġġ, l-Avukatura, ir-Riċerka u l-Kollaborazzjoni jidħlu f'oqsma strateġiċi differenti, u għaldaqstant isostnu mod ta' ħidma aktar integrat. Dawn il-funzjonijiet li ġejjin se jsawru l-mod kif l-Istrateġija se tiġi implimentata fl-oqsma strateġiċi kollha għall-finijiet ta' ħidma aktar konnessa:

→ L-Investiment Pubbliku
→ L-Iżvilupp u l-Appoġġ
→ L-Avukatura
→ Ir-Riċerka
→ Il-Kollaborazzjoni

Barra minn hekk, l-Istrateġija se tiffoka fuq prattiċi ġusti, il-komunità u l-inklużjoni, il-benesseri, u l-iskambju internazzjonali, waqt li tirrifletti l-prijoritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' diversi dixxiplini u stadji tal-karriera.

Żviluppi fuq livell usa' li jaffettwaw il-prattika kulturali wkoll qed jiġu kkunsidrati kif xieraq. Il-parteċipazzjoni diġitali u t-teknoloġiji ġodda jkomplu jiddeterminaw il-mod kif il-kultura tinħoloq u tiġi aċċessata. L-esperjenza tal-pandemija tal-Covid-19 tibqa' rilevanti, speċjalment fir-rigward tal-aċċessibilità u l-involviment. L-intelliġenza artifiċjali hi indirizzata f'qafas etiku li jiffoka fuq il-kunċett tal-awtur, id-diversità kulturali, u l-użu responsabbli.

L-Istrateġija 2030 tipprovdi qafas komuni għall-Kunsill Malti għall-Arti u għall-partijiet interessati tagħha, billi tgħaqqad flimkien il-prijoritajiet relatati mal-iżvilupp professjonali, id-drittijiet kulturali u l-internazzjonalizzazzjoni. Imsejsa fuq it-twemmin li l-arti u l-kultura huma essenzjali għal soċjetà li tirnexxi, l-istrateġija tfittex li tinkorpora l-parteċipazzjoni kulturali, il-kreattività u l-espressjoni artistika fi ħdan l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ċiviku usa' ta' Malta. Il-fażi ta' ħidma li jmiss se tiffoka fuq it-traduzzjoni ta' dawn l-ambizzjonijiet fi pjan ċar ta' implimentazzjoni li jkun imfassal skont il-prijoritajiet nazzjonali u internazzjonali u li jwassal għal riżultati konkreti fis-settur kollu. Fil-qalba ta' din il-viżjoni hemm it-tisħiħ tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-prattika artistika u kulturali tiffjorixxi f'kull livell, mill-involviment komunitarju fil-livell lokali, sal-preżentazzjoni u l-iskambju internazzjonali. Dan jinkludi investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet, fin-networks, fil-mobbiltà, fl-infrastruttura u fl-aċċess għar-riżorsi, filwaqt li jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u s-sħubijiet transkonfinali.

Billi toħloq ambjent li jiffaċilita u jsaħħaħ lill-artisti, lill-professjonisti kulturali, lill-organizzazzjonijiet u lill-komunitajiet, l-Istrateġija 2030 għandha l-għan li trawwem ekosistema kulturali sostenibbli, konnessa u orjentata lejn il-futur, li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja, testendi l-opportunitajiet u ssaħħaħ ir-rwol tal-arti u l-kultura fit-tfassil tal-futur ta' Malta.

# L-Investiment Pubbliku

## Programmi ta' Finanzjament

Fl-2025, il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) implimenta portafoll ta' finanzjament magħmul minn 21 skema u programm imfassla biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta li dejjem jevolvu. Matul dan il-perjodu, il-KMA rċieva total ta' 766 applikazzjoni eliġibbli, li minnhom 464 ingħataw finanzjament, u dan irriżulta f'investiment dirett ta' €6.6 miljuni.

Kull skema ta' finanzjament tmexxiet skont il-linji gwida u r-regolamenti rispettivi tagħha, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eliġibbiltà u l-kriterji ta' evalwazzjoni applikabbli. L-applikazzjonijiet kollha ġew sottomessi permezz tal-pjattaforma online tal-KMA u ġew assessjati minn evalwaturi indipendenti. Permezz ta' proċess kompetittiv ta' evalwazzjoni, il-proġetti tqiegħdu f'ordni ta' klassifika, u saru rakkomandazzjonijiet dwar il-finanzjament abbażi tal-mertu.

L-applikanti li rnexxew ġew megħjuna matul il-fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett tagħhom permezz tal-appoġġ ta' mentor jew monitoraġġ. Barra minn hekk, il-benefiċjarji kollha ntalbu jipparteċipaw f'sessjoni ta' taħriġ li ggwidathom dwar l-obbligi kuntrattwali, b'enfasi partikolari fuq il-kundizzjonijiet marbuta mad-disseminazzjoni u r-rappurtar dwar il-proġetti ffinanzjati.

## Rieżami tal-Finanzjament

Il-KMA għamel rieżami strateġiku tal-programmi ta' finanzjament tiegħu, li fih għaqqad flimkien evalwazzjoni interna ma' involviment minn partijiet esterni kkonċernati. Internament, dan ir-rieżami involva lid-diversi Maniġers tal-Fondi u evalwa l-proċessi bil-għan li jidentifika opportunitajiet immirati lejn it-titjib tat-trasparenza, il-kompetizzjoni, l-ekwità u l-ħeffa tar-rispons. Esternament, il-KMA esplora mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u parteċipattivi ma' sħab transsettorjali, bil-ħsieb li jiddiversifika r-rotot ta' finanzjament u jsaħħaħ il-valur pubbliku tal-investiment kulturali. Wara r-rieżami estern, il-KMA wettaq sħarriġ li pprovda għarfien ċar dwar kif l-iskemi ta' finanzjament li joffri għandhom ikunu mfassla fil-futur.

## L-Indirizzar tal-Ħtiġijiet Speċifiċi tas-Settur

Il-KMA introduċa firxa ta' inizjattivi speċifiċi mfassla apposta biex isaħħu l-ekosistema kulturali u kreattiva f'Malta. Filwaqt li jibni fuq il-bażi tal-Programm għall-Industriji Kreattivi mniedi fl-2017, il-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi kif iddisinjat mill-ġdid jappoġġja l-innovazzjoni, it-tkabbir sostenibbli u l-iżvilupp immexxi mir-riċerka fis-setturi kulturali u kreattivi, u b'hekk jippermetti lill-intraprendituri u 'l-operaturi jiżviluppaw ideat ġodda, itejbu l-prattiċi tan-negozju u jibnu organizzazzjonijiet reżiljenti.

Fl-2025, il-KMA espanda wkoll l-Iskema ta' Appoġġ għall-Iskrin bl-introduzzjoni tas-6 Fergħa (Internazzjonali), li għandha l-għan li ssaħħaħ il-firxa internazzjonali tal-proġetti tal-iskrin Maltin billi tappoġġja l-aċċess għal udjenzi, festivals u swieq barranin, f'allinjament mal-istrateġija tal-KMA li jsaħħaħ il-viżibbiltà u l-involviment globali. Barra minn hekk, l-Iskema għal Sussidju Parzjali ta' Self Approvat mill-Banek lill-Każini tal-Banda Lokali, li tnediet fl-2025 wara konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati mis-setturi kulturali u finanzjarji, tipprovdi appoġġ finanzjarju sostenibbli lill-każini tal-banda, hekk kif tirrikonoxxi r-rwol vitali tagħhom fil-ħajja tal-komunità u tgħinhom jimmaniġġjaw l-ispejjeż relatati mas-self filwaqt li jkomplu jipprovdu valur kulturali u soċjali.

Il-Fond Konġunt għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin huwa programm ta' finanzjament kollaborattiv iffinanzjat b'mod konġunt mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Malti għall-Arti, u mwassal bi sħubija ma' ARC Research & Consultancy. Dan il-fond iwieżen lill-artisti u professjonisti kreattivi Maltin u dawk ibbażati f'Malta li jaħdmu fl-intersezzjoni bejn il-kultura, is-saħħa, il-benesseri u l-kura, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tal-prattika artistika fit-trawwim tas-saħħa olistika u l-inklużjoni soċjali. Il-programm jifforma parti mill-pjattaforma KulturaUSaħħa, u joffri opportunitajiet ta' finanzjament u bini tal-kapaċità li jħeġġu l-kollaborazzjoni interdixxiplinarja, l-apprendiment internazzjonali, u l-iżvilupp ta' proġetti kreattivi f'kuntesti ta' saħħa u kura fil-komunità.

Kollettivament, dawn l-inizjattivi jirriflettu l-impenn tal-KMA li jipprovdi appoġġ risponsiv, inklużiv u progressiv li jsaħħaħ is-sostenibbiltà fit-tul, il-viżibbiltà u r-reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

## Is-Sistema Online

Bħalissa l-KMA qed iwettaq proġett ta' tiġdid komprensiv tas-sistema CRM online, li sservi bħala l-pjattaforma ewlenija fejn jintlaqgħu u jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet formali għall-finanzjament. Dan it-tiġdid ġie mfassal b'tali mod li jsaħħaħ il-funzjonalità u l-iskalabbiltà tas-sistema biex tkun tista' ssostni l-inizjattivi kollha ta' investiment pubbliku amministrati mill-KMA fi ħdan ambjent diġitali uniku u integrat. Is-CRM kif imsaħħa se tiffaċilita l-proċess tal-finanzjament tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu kollu kemm hu, li jinkludi s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-ivverifikar tal-eliġibbiltà, l-evalwazzjoni u l-assessjar, il-ġestjoni tal-għotja, l-implimentazzjoni tal-proġett, il-mentoraġġ, il-monitoraġġ, u r-rappurtar finali. Permezz ta' tħaffif tal-proċessi tax-xogħol u titjib fl-immaniġġjar tad-data, is-sistema l-ġdida timmira li tnaqqas il-piż amministrattiv, iżżid it-trasparenza, u ttejjeb il-koordinament bejn

il-partijiet kollha involuti. Kollox ma' kollox, dan it-tiġdid se jfittex li jsarraf fi proċess aktar faċli biex jintuża, effiċjenti u ambjentalment sostenibbli għall-applikanti, l-evalwaturi, il-mentors, il-monitors u kif ukoll l-amministraturi tal-KMA.

## Proġetti tal-UE, Kollaborazzjonijiet Intersettorjali,

(L-aħħar ta' Ġunju – L-aħħar ta' Awwissu)

### Il-Proġett HYPATIA (Erasmus+)

Matul l-2025, il-proġett HYPATIA – Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni dwar id-Distakk Diġitali bejn il-Ġeneri u l-Vjolenza Diġitali, li kien aġġudikat b'suċċess fl-2024, kompla għaddej skont l-iskeda tal-proġett.

Il-KMA ħa sehem attiv f'żewġ pakketti ta' ħidma, speċifikament WP2 (L-Immappjar tad-Distakk Diġitali bejn il-Ġeneri) u WP4 (Produzzjoni ta' Dokufilm, li qed jiġi żviluppat minn Sajjetta Studios taħt id-direzzjoni ta' Charlie Cauchi).

F'WP2, il-KMA kkontribwixxa billi analizza d-distakk diġitali bejn il-ġeneri fil-pajjiż permezz ta' referenza għal dokumenti strateġiċi nazzjonali, fosthom Malta Diġitali 2022-2027, l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza u l-Integrazzjoni tal-Ġeneru (2022-2027), l-Istrateġija Nazzjonali tal-eSkills (2022-2025), l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni (2024-2030), l-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali (2024-2030), il-Politika Nazzjonali dwar l-Impjiegi (2021-2030), u Malta: the Ultimate AI Launchpad – Strateġija u Viżjoni għall-Intelliġenza Artifiċjali (2030), kif ukoll scoreboards tal-Eurostat u oħrajn orjentati lejn l-Ewropa li jikkonċernaw il-qasam diġitali b'enfasi fuq id-disparitajiet bejn is-sessi. L-analiżi bir-reqqa ta' dawn id-dokumenti u scoreboards infurmat il-kontribut tal-KMA għal WP2 billi mmappjat id-disparità diġitali bejn il-ġeneri f'Malta.

WP4, ibbażat fuq id-data kkompilata f'WP2, jikkonsisti fil-ħolqien ta' dokufilm bi produzzjoni u direzzjoni ta' Sajjetta Studios taħt it-tmexxija ta' Charlie Cauchi. Dan se jimmira li jikkomunika estratti tad-data minn WP2, u se jinkludi intervisti ma' nisa minn sfondi differenti tal-ħajja, biex b'hekk ipoġġi d-data miġbura f'kuntest reali. (Id-dokufilm għandu jitlesta sa tmiem is-sena.)

### Arthographies (Horizon)

Il-KMA rċieva stedina biex jieħu sehem fi Proġett Horizon (sejħa: HORIZON-CL2-2025-01-HERITAGE-09: Impacts of culture and the arts on health and well-being), li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabta bejn l-arti, il-kultura, is-saħħa, il-benesseri u l-inklużjoni ta' kull individwu fis-soċjetà, partikolarment fi ħdan l-oqsma tas-saħħa u l-kura soċjali. Dan l-għan se jintlaħaq billi tiġi pprovduta pjattaforma diġitali li timmappja l-evidenza xjentifika dwar interventi tal-arti u tas-saħħa, u tippermetti skambju ta' għarfien u diskussjonijiet dwar il-politika bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa u l-kura soċjali, u organizzazzjonijiet tal-kultura u l-arti.

Fid-dawl tal-kongruwenza mal-Pjattaforma tal-Kultura u s-Saħħa li tnediet fl-2025, il-KMA kkonferma l-interess li jidħol bħala sieħeb fil-proġett, u għaldaqstant l-applikazzjoni għall-proġett tressqet f'Settembru 2025. Ir-riżultati skedati li joħorġu fi Frar 2026.

## Task Force Nazzjonali għall-Involviment fi STEAM

Tramite d-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi tal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, f'Awwissu 2025 il-KMA ġie mistieden sabiex jipparteċipa f'Task Force Nazzjonali għall-Involviment fi STEAM minn Xjenza Malta (Kopresident Permanenti tat-Task Force).

### Għan:

Li jgħaqqad organizzazzjonijiet ewlenin fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-industrija u l-arti sabiex ilaqqa' l-ħila esperta, jipprovdi pariri bbażati fuq l-evidenza, u jixpruna proġetti li jsaħħu l-ekosistema STEAM ta' Malta waqt li jiżgura l-validità tal-ħaddiema tagħha fil-futur.

### Viżjoni:

Soċjetà Maltija reżiljenti u inklużiva li fiha kull student u ħaddiem ikun jista' jaċċessa opportunitajiet STEAM ta' kwalità għolja u jirnexxi f'ekonomija mmexxija diġitalment b'impatt newtrali fuq il-klima.

### Objettivi:

1. Jagħti pariri lil dawk responsabbli mill-politika, b'rakkomandazzjonijiet ċari u bbażati fuq id-data li jaċċelleraw il-bidla li tħalli impatt.
2. Jappoġġja inizjattivi ewlenin (li jibdew mill-Istrateġija STEAM 2030 tal-Esplora) permezz ta' gruppi fokali, kondiviżjoni ta' data, rieżami bejn il-pari, u kokreazzjoni.
3. Jindirizza sfidi nazzjonali bħat-tranżizzjoni doppja, id-diskrepanzi fil-ħiliet, u l-prospettiva tas-suq tax-xogħol, billi jiġbor flimkien l-għarfien intuwittiv u r-riżorsi.
4. Jamplifika l-involviment tal-pubbliku fi STEAM permezz ta' ħidma koordinata ta' sensibilizzazzjoni, avvenimenti, u komunikazzjoni.

Il-Karta tat-Task Force ġiet iffirmata mill-membri fl-24 ta' Novembru 2025, u immedjatament wara saret l-ewwel laqgħa.

## Parteċipazzjoni fil-Premju Proprjetà Intellettwali 2025

Matul Settembru u Ottubru 2025, il-KMA ta kontribut għall-Premjijiet Nazzjonali tal-Proprjetà Intellettwali 2025 billi nnomina evalwatur biex jifforma parti mill-bord tal-evalwaturi inkarigat li jassessja l-applikazzjonijiet li ġew sottomessi.

# L-Edukazzjoni u L-Iżvilupp

## It-Titjib tal-Prattiċi Pedagoġiċi fl-Edukazzjoni dwar l-Arti

Il-Kunsill Malti għall-Arti jkompli dejjem jinvesti f'inizjattivi li jappoġġjaw l-innovazzjoni pedagoġika fil-qasam tal-arti. L-Iskema għall-Arti fl-Iskejjel, li ġiet offruta mill-ġdid fl-2025, kienet imfassla biex tarrikkixxi l-esperjenzi edukattivi tal-istudenti fl-edukazzjoni formali billi tinvolvihom fil-ħolqien ta' proġetti artistiċi u toffrilhom opportunitajiet biex jitgħallmu direttament mingħand artisti u prattikanti kreattivi. Is-sistema tħeġġeġ ukoll kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-artisti biex jesperimentaw b'metodi ġodda ta' tagħlim permezz tal-arti.

Il-Culture Pass, amministrata f'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Kultura, kienet skema oħra offruta matul l-2025. Din l-iskema tintroduċi lit-tfal tal-iskola u liż-żgħażagħ ma' mod aktar olistiku kif jirrelataw mal-kurrikulu permezz tal-arti. Din l-inizjattiva ssoktat tikseb suċċess qawwi għal sena oħra, hekk kif attirat għadd kbir ta' sottomissjonijiet ta' proġetti għar-rakkomandazzjoni u appoġġjat l-edukaturi sabiex jissieħbu mal-produtturi tal-proġetti fl-iskejjel tagħhom. Barra minn hekk, matul l-2025 sar proċess ta' riċerka u evalwazzjoni dwar il-Culture Pass bil-ħsieb li jsir titjib fl-edizzjonijiet futuri ta' din l-iskema.

## Kollaborazzjonijiet li Jrawmu Apprezzament Usa' tal-Arti

Fl-2025 il-KMA ssokta jibni fuq l-iskemi u l-proġetti stabbiliti tiegħu, filwaqt li saħħaħ l-impenn li jappoġġja t-tagħlim u jrawwem l-apprezzament tal-arti fil-livelli u l-formati edukattivi kollha. Rappreżentanti tal-Kunsill ipparteċipaw f'għadd kbir ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u involviment tal-pubbliku, fosthom il-ġimgħa tal-freshers tal-Università ta' Malta u tal-MCAST, expos tal-karrieri, u attivitajiet oħra mmexxija mill-industrija u mill-edukazzjoni, u dan bil-għan li jiġu kkultivati networks ġodda u jinkiseb għarfien dwar il-perċezzjonijiet tal-arti, kemm fi ħdan is-setturi kreattivi u kulturali ta' Malta kif ukoll lil hinn minnhom.

Il-kollaborazzjoni mal-Festival ŻiguŻajg u Spazju Kreattiv iġġeddet għal sena oħra, bis-sehem tal-esebizzjoni Fjamma/Flame: Every child a guardian of nature. Din l-esebizzjoni kienet maħsuba biex tgħin lit-tfal u ż-żgħażagħ jirrelataw mal-arti kontemporanja, filwaqt li fl-istess ħin tinvolvihom direttament fil-ħolqien tagħha permezz tal-ewwel iterazzjoni tal-Bord Konsultattiv tat-Tfal, sensiela ta' workshops, u xogħlijiet artistiċi interattivi.

Il-KMA ssieħeb ukoll mad-Direttorat tal-Wellbeing biex ipprovda workshops għal studenti tal-ħames sena tal-primarja f'għaxar skejjel tal-istat. Dawn is-sessjonijiet, li kienu mmexxija minn artisti professjonali, offrew lill-istudenti esperjenza prattika fl-arti, li mexxiethom sabiex joħolqu biċċa xogħol multidixxiplinarja huma stess. Il-workshops introduċew lill-parteċipanti ma' prattiċi fit-teatru, il-mużika u l-film, u wessgħu l-għarfien tagħhom dwar l-espressjoni artistika u l-opportunitajiet ta' karriera fl-arti.

## Approċċi Kollaborattivi u Interdixxiplinarji għall-Edukazzjoni dwar l-Arti

Matul l-2025 il-KMA saħħaħ ftehimiet ġodda u eżistenti ma' entitajiet pubbliċi u istituzzjonijiet indipendenti. Dawn il-kollaborazzjonijiet nisslu opportunitajiet edukattivi għall-istudenti, artisti emerġenti u l-pubbliku.

Fl-2025 ħarġet it-tieni edizzjoni tal-programm ta' residenza tas-Soċjetà Maltija tal-Arti (MSA) u l-KMA għal artisti emerġenti, li tat lil żewġ artisti l-opportunità li jirrevedu l-prattika tagħhom u jwettqu riċerka filwaqt li jkollhom aċċess għal spazju ta' studio u għall-programm edukattiv u artistiku u l-arkivju tas-Soċjetà. Din l-inizjattiva hija parti mill-objettiv tal-KMA li jappoġġja l-iżvilupp professjonali tal-artisti.

Il-kollaborazzjoni mas-Soċjetà Maltija tal-Arti kienet tinkludi wkoll it-tieni edizzjoni tal-programm multidixxiplinarju Sustain-Delay li esplora l-intersezzjoni bejn il-mużika elettronika u ġeneri oħra. Il-programm inkluda sensiela ta' attivitajiet edukattivi mtellgħa minn mużiċisti lokali u internazzjonali.

Matul tlett ijiem f'Ottubru, il-KMA ospita l-konferenza tal-Alleanza Ewropea tal-Akkademji bl-isem 'The Arts and Migration(s): Reflections and Responsibilities'. Tletin membru minn tlettax-il pajjiż Ewropew ħadu sehem u qasmu l-ideat u l-perspettivi differenti tagħhom fid-diskussjoni dwar l-arti u l-migrazzjoni fl-Ewropa llum, b'enfasi fuq il-ħarsien tal-libertà artistika fl-edukazzjoni u fis-settur kulturali u kreattiv. Il-KMA huwa membru tal-Alleanza Ewropea tal-Akkademji, network li jikkonsisti f'aktar minn sebgħin istituzzjoni Ewropea tal-arti u l-kultura.

## Perkorsi ta' Karrieri fl-Arti

Diversi opportunitajiet ta' żvilupp professjonali ġew iffinanzjati mill-Iskema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp. Il-parteċipanti tal-programm Artivisti ppreżentaw il-proġetti finali tagħhom, u b'hekk għalqu b'suċċess programm ieħor li jħarreġ liż-żgħażagħ dwar kif inisslu, imexxu, u jimplimentaw proġett kreattiv. Artivisti jservi bħala pont bejn l-edukazzjoni u l-isfera professjonali.

Bħala parti mill-kampanja ARTWORKS, f'Ottubru 2025 tnieda l-ARTWORKS Guidebook. Dan il-manwal huwa riżorsa li tipprovdi informazzjoni dwar l-edukazzjoni u l-perkorsi ta' karriera fl-arti u se jitqassam lokalment fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.

## Insawru l-Ġejjieni: Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni fl-Arti

Il-KMA tellgħet il-konferenza 'Insawru l-Ġejjieni: Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni fl-Arti' nhar it-30 ta' Ottubru. Din serviet bħala pjattaforma nazzjonali għar-riflessjoni, id-djalogu u l-ippjanar, hekk kif laqqgħet il-partijiet ikkonċernati sabiex jaħdmu fuq viżjoni għal futur koerenti u sostenibbli għall-edukazzjoni fl-arti f'Malta. Il-konferenza kienet organizzata fuq rakkommandazzjoni ta' rapport ta' riċerka kkummissjonat mill-KMA u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) b'rabta mal-vijabbiltà tat-twaqqif ta' akkademja nazzjonali għall-arti performattiva u viżiva kif propost fil-manifest elettorali tal-2022 u fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030. Din il-konferenza kienet il-pass li jmiss fil-proċess ta' riċerka u konsultazzjoni, u laqqgħet flimkien esperti Maltin u internazzjonali biex jiddibattu dwar l-aħjar prattiki u mudelli għall-edukazzjoni dwar l-arti kontemporanja. Il-kelliema ewlenija kienet Prof. Helena Gaunt, il-Prinċipal tar-Royal Welsh College of Music and Drama. Wara d-diskors prinċipali ġew ippreżentati d-dokumenti ta' pożizzjoni minn istituzzjonijiet nazzjonali ewlenin. L-istituzzjonijiet li pparteċipaw kienu: il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Kunsill Malti għall-Arti, id-Direttorat tal-Kultura, l-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżiva u Performattiva (MVPA), il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (MAVC), il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, id-Dipartiment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti (Università ta' Malta), id-Dipartiment tal-Arti, il-Komunitajiet Miftuħa u l-Edukazzjoni għall-Adulti (Università ta' Malta), id-Dipartiment tal-Arti Diġitali (Università ta' Malta), l-Iskola tal-Arti Performattiva (Università ta' Malta) u l-Istitut għall-Arti Kreattiva (Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija).

Is-sessjoni finali tal-konferenza kienet tikkonsisti f'panel ta' diskussjoni bis-sehem ta' għadd ta' mexxejja istituzzjonali internazzjonali. Dawn kienu: Kaarlo Hildén, Rettur ta' UniArts Helsinki; Prof. Karolina Šantl Zupan, Dekan, Akkademja tal-Mużika, Università ta' Ljubljana; Dott. Lisa Peck, Lettriċi Anzjana fil-Prattika tat-Teatru u l-Arti Performattiva, Università ta' Sussex; Dott. Sharon Watson, CEO u Prinċipal, Northern School of Contemporary Dance; u Dott. Christoph Lang, Rettur, F&F School of Art and Design, Zurich.

# Id-Diversità u l-Komunitajiet

## L-Inklużjoni

Id-Dritt għall-Kultura huwa l-ġebla tax-xewka tal-Istrateġija 2025 – Isma'. Oħloq. Imraħ. Għaldaqstant, frixna l-ħidma tagħna għal komunitajiet esħeħ b'ħilet l-espressjoni kulturali u kreattiva, u għamilna mezz li nilħqu sal-ibgħad irkejjen.

Fi Frar, sar laboratorju mfassal mal-EUNIC Global (European Union National Institutes for Culture), li laqqa' prattikanti mill-oqsma tar-relazzjonijiet kulturali u t-tifsil tal-politika minn madwar id-dinja. Ippreżentajna l-mudell ta' Malta fil-ħolqien tal-għajnuniet fil-qasam tad-Dritt. Iddiskutejna d-Dritt fil-kuntest tal-Libertà tal-Espressjoni; il-Mainstreaming tal-Ġeneru; il-'Politika tan-Natura'; u l-Wirt Kulturali, il-Kunflitt, u d-Dekolonizzazzjoni.

F'April, tellaqna l-immappjar tal-aċċessibbiltà fl-entitajiet kulturali, mal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet. Dan l-eżerċizzju jgħin lill-entitajiet ikunu xempji tad-Diversità, l-Ekwità, l-Inklużjoni, l-Aċċessibbiltà, u l-Appartenenza, u jgħaqqad dawn il-prinċipji mal-ogħla livelli ta' kwalità. L-eżerċizzju identifika l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin, bi żjarat fuq il-postijiet, intervisti, u korrelazzjoni ma' kriterji u rapporti stabbiliti fuq livelli kemm nazzjonali kif ukoll globali.

Pass ieħor fit-tixrid ta' kultura li l-qalba tagħha hija n-nies kien it-tnedija tal-kampanja Dritt għall-Kultura, f'Ġunju. Din il-kampanja sawwarnieha ma' għadd ta' artisti u prattikanti mill-oqsma varji kulturali, kreattivi, u lil hinn. Il-kelma wassalnieha lura sat-toroq, il-pjazez u l-imkejjen kulturali, u b'mezzi varji.

Xprunajna wkoll it-tifsil u l-implimentar ta' politika lingwistika b'viżjoni ċara, tħejjija xierqa, u azzjonijiet konkreti għat-tisħiħ tad-diversità u l-aċċessibbiltà lingwistika.

**You start where it hurts most.**

EUNIC Knowledge Sharing Workshop 'Unpacking the Cultural Rights-Based Approach' – Jane Klementieva, Danish Culture

## Il-Benesseri u l-Koeżjoni

Issuktajna niffukaw fuq l-iżvilupp ta' kultura sħiħa ta' kura, imnebbħa mill-Politika Kulturali 2021, il-Viżjoni 2030, il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa 2025; u l-kuntesti lokali, reġjonali, u globali.

Tajna prijorità lill-benesseri tal-prattikanti u rawwimna sens ta' aġenzija, bħala bażi fundamentali għal prattika kreattiva sostenibbli. Għinna wkoll lill-prattikanti jintegraw prattiċi konsistenti b'impenn lejn is-solidarjetà, il-ġid komuni, u s-saħħa.

B'dan il-għan, nedejna ħames sejħiet għal proposti marbuta ma' Kultura ta' Kura. Tnejn minn dawn saru b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-President. Sejħa ffukata oħra saret taħt l-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti. Żviluppajna wkoll programm li jgħin lis-setturi kulturali u kreattivi jinvestu fi pjanijiet ta' aċċessibbiltà. Nedejna sejħa għall-għajnuna taħt il-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin, bħala parti minn inizjattiva Ewropea li tgħin artisti emerġenti jaħdmu fis-settur multidixxiplinarju tal-kultura, is-saħħa, il-kura, u t-tisħiħ soċjali. Bis-saħħa ta' dawn is-sejħiet, ħadu l-ħajja tlieta u għoxrin proġett.

Barra minn hekk, investejna fl-immappjar ta' inizjattivi u spazji eżistenti, aspiranti, jew esplorati fl-imgħoddi fl-oqsma rispettivi, li jindirizzaw sistematikament il-prijoritajiet tas-saħħa permezz tal-Arti u l-Kultura. Din ir-riċerka se sservi ta' bażi għall-azzjonijiet li l-KMA qed jissokta jiżviluppa b'kollaborazzjoni mal-oqsma varji.

Sadattant, issuktajna nikkollaboraw fuq-rapport tal-Kummissjoni Ewropea Il-Kultura u s-Saħħa: il-Waqt li Naġixxu, li tnieda fil-Konferenza Dinjija tal-UNESCO fuq il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli (Mondiacult 2025).

# L-Internazzjonalizzazzjoni

## Id-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-KMA

Il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) iħaddan viżjoni ta' relazzjonijiet kulturali globali aktar b'saħħithom, li jippermettu żvilupp settorjali fit-tul permezz ta' opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjoni u skambju internazzjonali – sħubijiet ibbażati fuq fehim reċiproku, fiduċja u djalogu interkulturali, fejn l-arti u l-kreattività jittraxxendu l-fruntieri.

Dan jimxi mal-prinċipji gwida tal-aġenda tal-UE dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill: "Lejn Strateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali". Id-dokument jerġa' jikkonferma l-impenn tal-UE favur il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni kulturali bejn l-istati membri tal-UE u l-pajjiżi sħab billi "jippromwovu ordni globali bbażat fuq il-paċi, is-saltna tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, il-fehim reċiproku u r-rispett għad-drittijiet fundamentali." Ir-rwoli attwali u futuri tal-KMA bħala entità nazzjonali fi ħdan networks internazzjonali se jkunu qed jikkontribwixxu wkoll lejn konverżazzjonijiet globali li jfasslu t-trajettorja tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

### Aċċess għal Networks Internazzjonali

Fl-2025, il-KMA kompla jimpenja ruħu li jieħu sehem attiv fl-avvenimenti organizzati min-networks ta' sħubijiet internazzjonali tiegħu.

### EUNIC – Istituti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura

Il-EUNIC huwa n-network Ewropew ta' organizzazzjonijiet li jinvolvu ruħhom fir-relazzjonijiet kulturali. Flimkien mal-imsieħba tiegħu jagħti l-ħajja lill-kollaborazzjoni kulturali Ewropea f'aktar minn 100 pajjiż madwar id-dinja, b'network ta' 139 cluster, filwaqt li jibni fuq l-esperjenzi wiesgħa tal-membri tiegħu minn madwar l-Istati Membri kollha tal-UE u pajjiżi assoċjati. Il-EUNIC jaħdem favur rwol prominenti għall-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali u, bħala sieħeb strateġiku tal-UE, hu involut b'mod attiv fit-tisħiħ tad-definizzjoni tal-politika kulturali Ewropea. Il-EUNIC huwa pjattaforma għall-

kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità fost il-membri u l-imsieħba tiegħu.

Il-KMA ilu membru attiv tal-EUNIC għal dawn l-aħħar għaxar snin, u fl-2025 kompla jieħu sehem fil-laqgħat tal-EUNIC Focal Points kif ukoll fil-Laqgħat Ġenerali Annwali tal-EUNIC. Il-KMA attenda wkoll diversi workshops u webinars online bl-iskop ta' kondiviżjoni tal-għarfien.

## Forum ta' Kondiviżjoni tal-Għarfien tal-Clusters tal-EUNIC

Il-KMA organizza għat-tieni darba forum online għall-Kondiviżjoni tal-Għarfien tal-Clusters tal-EUNIC, fid-29 ta' April 2025, b'kelliema mid-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-KMA kif ukoll rappreżentanti minn Ambaxxati jew Konsulati Maltin ibbażati fi bliet madwar id-dinja li huma attivi fi Clusters tal-EUNIC globalment.

## EUNIC Vienna

Fi Frar 2025, f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta fi Vjenna, il-KMA ppparteċipa fil-Festival tal-Films tal-EUNIC bid-dokumentarju Malti Il-Budaj- Bejn is-Sema u L-Art ta' Adrian Camilleri.

## EUNIC Japan

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta f'Tokyo, il-KMA ħa sehem fil-Japan EU Film Days li daru ħamest ibliet fil-Ġappun: Osaka, Tokyo, Nagoya, Fukuoka u Kyoto, kif ukoll l-Expo ta' Osaka bl-animazzjoni Maltija Somewhere ta' Fabrizio Ellul.

## EUNIC Berlin

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta f'Berlin, il-KMA ppparteċipa f'Next! Design Berlin fl-14 u l-15 ta' Mejju 2025. Hemmhekk il-Perit Anthony Bonnici ppromwova l-proġett ippremjat URNA, li rrappreżenta lil Malta fl-edizzjoni tal-2025 tal-London Design Biennale.

## EUNIC Egypt

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta fil-Kajr, il-KMA ħa sehem fil-Festival tal-Films tal-UE f'Lixandra, bil-wiri tal-film Malti Carmen ta' Falkun Films fl-20 ta' Mejju 2025. Fis-27 ta' Novembru 2025, f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Maltija fil-Kajr, il-KMA ppparteċipa fil-Festival Ewropew tal-Films Panorama fil-Kajr, imtella' mill-Cluster tal-EUNIC tal-Eġittu, bil-film Malti Zafzifa, produzzjoni ta' Angelique Muller u Peter Sant.

## EUNIC Ankara

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta f'Ankara, il-KMA ħa sehem fl-edizzjoni tal-2025 tal-Festival tal-Mużika tal-EUNIC Sound of Europe, b'wirja mużikali mill-album Il-Ħoss tal-Għabex minn Nadine Axisa Quartet fil-5 u s-6 ta' Lulju 2025.

## EUNIC Ethiopia

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta f'Addis Ababa, il-KMA ppparteċipa fi Stations of Culture, Stations of Dialogue, proġett iffinanzjat mill-UE fi ħdan EUNIC Spaces of Culture. Il-KMA ppreżenta Tattoos. Stories We Wear ta' Pierre Portelli (artist Malti) imtellgħa f'kollaborazzjoni ma' Kalkidan Getnet (artist Etjopjan).

## EUNIC Malta

Kull sena l-KMA jieħu sehem fil-Festival tal-Films ta' EUNIC Malta li jsir fiċ-ċinema ta' Spazju Kreattiv. Fl-24 ta' Settembru 2025, il-KMA wera l-film Malti Castillo ta' Take Two.

## EUNIC Vienna

F'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta fi Vjenna, il-KMA ppparteċipa fl-attività tal-EUNIC bl-isem Literature Days 2025, bil-preżentazzjoni ta' żewġ poeżiji minn Rachelle Deguara bejn il-15 u t-18 ta' Ottubru 2025.

## EUNIC Netherlands

Fl-24 ta' Ottubru, f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta fin-Netherlands, il-KMA ppparteċipa fil-proġett tal-Cluster tal-EUNIC bl-isem "On Fair Grounds: Cultures of Equality at Dutch Design Week." Martina Farrugia, disinjatriċi bbażata bejn Malta u n-Netherlands, li tittraduċi r-riċerka u s-sejbiet tagħha permezz tal-arti taċ-ċeramika, kienet kelliema waqt programm immexxi mill-istudenti bl-għan li jlaqqa' lil kreattivi fil-bidu tal-karriera tagħhom ma' prattika ġusta, networks internazzjonali, u perspettivi ġodda waqt id-Dutch Design Week f'Eindhoven.

## IETM

L-IETM huwa n-network internazzjonali għall-arti performattiva kontemporanja. Dan in-network jgħaqqad aktar minn 500 organizzazzjoni tal-arti performattiva u membri individwali impenjati fil-qasam tal-arti performattiva kontemporanja madwar id-dinja. Matul is-sena l-KMA ħa sehem attiv f'bosta laqgħat mal-IETM.

Il-KMA attenda wkoll l-attivitajiet tal-IETM għall-2025 li ttellgħu biex jippromwovu x-xena kulturali f'Malta u l-opportunitajiet disponibbli għal artisti performattivi internazzjonali biex jikkollaboraw ma' artisti u organizzazzjonijiet kulturali Maltin.

## IFACCA – Federazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli tal-Arti u Aġenziji Kulturali

Il-KMA ħa sehem attiv fl-10 Summit Dinji dwar l-Arti u l-Kultura, koospitat mill-Kunsill għall-Arti tal-Korea u IFACCA, f'Seoul, ir-Repubblika tal-Korea mis-27 sat-30 ta' Mejju 2025. Is-Summit laqqa' flimkien aktar minn 400 delegat, fosthom Membri tal-IFACCA, policymakers ewlenin, riċerkaturi, maniġers u prattikanti mis-setturi artistiċi, kulturali u kreattivi, u oqsma relatati, minn 'il fuq minn 90 pajjiż, miġbura taħt it-tema tat-tfassil tal-ġejjieni tal-arti u l-kultura.

# Skambji Internazzjonali

## L-Iskema tal-Iskambji Kulturali Internazzjonali (ICE)

L-Iskema tal-Iskambji Kulturali Internazzjonali tifforma parti mill-Istrateġija tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-KMA għas-setturi kulturali u kreattivi. Din l-iskema indirizzat l-iskambji kulturali internazzjonali, waqt li ffokat speċifikament fuq il-mobbiltà 'l barra ta' artisti Maltin u dawk ibbażati f'Malta li għandhom aktar minn 18-il sena, kif ukoll fuq ix-xogħlijiet artistiċi u l-produzzjonijiet kulturali tagħhom. L-iskema appoġġjat il-parteċipazzjoni tal-artisti f'festivals internazzjonali, esebizzjonijiet, vetrini, attivitajiet għal skop ta' networking, films, konferenzi, residenzi tal-artisti, u fieri. Wieżnet ukoll il-parteċipazzjoni tal-artisti f'format diġitali. Barra minn hekk, l-iskema appoġġjat il-marketing, inklużi reklami kemm stampati kif ukoll diġitali, il-produzzjoni ta' materjal awdjoviżwali, l-iffilmjar ta' produzzjonijiet teatrali jew ta' żfin, l-iffilmjar ta' installazzjonijiet artistiċi, qari ta' poeżiji, esebizzjonijiet, wirjiet tal-moda, kif ukoll il-produzzjoni ta' siti elettroniċi u demos għal skopijiet ta' promozzjoni internazzjonali.

## L-Iskema tal-Parteċipazzjoni Internazzjonali (IPS)

Fl-2025 din l-iskema indirizzat il-mobbiltà 'l barra ta' artisti Maltin u dawk ibbażati f'Malta li għandhom aktar minn 18-il sena kif ukoll ix-xogħlijiet artistiċi u l-produzzjonijiet kulturali tagħhom. L-għan tal-Iskema tal-Parteċipazzjoni Internazzjonali huwa li tappoġġja l-mobbiltà tal-artisti u l-operaturi kulturali sabiex joħolqu, jesebixxu u jesponu x-xogħlijiet tagħhom lil udjenzi internazzjonali u jirċievu feedback internazzjonali, jesploraw, jiżviluppaw il-ħiliet, jibnu networks, u jinvolvu ruħhom f'kollaborazzjonijiet internazzjonali.
Din l-iskema appoġġjat il-parteċipazzjoni ta' artisti f'festivals internazzjonali, esebizzjonijiet, wirjiet, attivitajiet għal skop ta' networking internazzjonali, films, konferenzi, residenzi tal-artisti u fieri, laqgħat ma' aġenti internazzjonali, produtturi, kuraturi, pubblikaturi, diretturi artistiċi jew maniġers ta' festivals, u t-tfittxija ta' sħab għal skopijiet ta' skambji u kollaborazzjoni.

# Il-Viżibbiltà Internazzjonali

## London Design Biennale 2025

Il-London Design Biennale hija esebizzjoni internazzjonali u programm ta' tmexxija tal-ħsieb li jinvolvi disinn, innovazzjoni u kreattività tal-aqwa livell minn pajjiżi minn madwar id-dinja kollha. Dan l-avveniment isir fil-binja storika Somerset House, waħda mill-ifjen u l-isbaħ binjiet storiċi tas-seklu 18 fir-Renju Unit. Il-ħames edizzjoni tal-London Design Biennale saret bejn il-5 u d-29 ta' Ġunju 2025.

Fir-rwol tiegħu ta' Kummissarju, il-KMA kien ippubblika sejħa għall-ingaġġar ta' Tim tad-Disinn biex jirrappreżenta lil Malta fil-London Design Biennale fl-2025. Il-proġett URNA ntgħażel biex jirrappreżenta lil Malta, u rebaħ il-midalja tad-deheb fil-London Design Biennale tal-2025 għall-aktar kontribut eċċellenti b'mod ġenerali, fejn spikka fost 50 parteċipant globali bl-installazzjoni qawwija u provokattiva tiegħu, URNA. Din kienet it-tieni darba li Malta ħadet sehem fl-avveniment prestiġjuż London Design Biennale, u fl-2025 ġiet lura d-dar bl-ogħla premju.

URNA stħarrġet tema kulturalment sinifikanti – kif nittrattaw il-fdalijiet umani – hekk kif stħajlet futur artistiku għall-kremazzjoni f'Malta. Waqt li b'mod perfett eżemplifikat u waħħdet l-innovazzjoni fid-disinn mal-kreattività, flimkien ma' tiftix spiritwali aktar profond, URNA spekulat dwar futur radikali għall-adozzjoni tal-kremazzjoni f'Malta. URNA immaġinat ritwal ġdid għall-mod kif jiġu ttrattati l-fdalijiet umani, waqt li pproġettatu bħala proċess kulturalment sinifikanti.

B'idea li nibtet minn tim kreattiv ta' periti, disinjaturi, kuraturi u diretturi tal-arti, URNA hija installazzjoni fuq skala kbira, li fiċ-ċentru tagħha tinkorpora sfera monumentali, maħduma minn ġebla tal-franka rikostitwita. L-installazzjoni tal-iskultura hija n-nukleu li madwarha ddur serje ta' komponenti importanti oħra tal-proġett, fosthom film, li jispekula dwar il-futur possibbli tar-ritwali madwar URNA, kif ukoll ktieb li jinkludi r-riċerka viżwali u miktuba. B'ispirazzjoni mir-rabtiet storiċi ta' Malta mal-ġebla tal-franka u s-sinifikat kulturali tagħha, ix-xogħol jissimbolizza l-intersezzjoni tal-wirt storiku, is-sostenibbiltà u t-trasformazzjoni.

L-installazzjoni kienet ikkurata minn Andrew Borg Wirth, u t-tim kien jinkludi lill-periti Anthony Bonnici u Thomas Mifsud minn Ebejer Bonnici, id-direttur artistiku Matthew Attard Navarro minn ANCC Studio, l-artista Maltija Stephanie Sant, il-fotografu Franċiża Anne Immelé, u l-perit Ċiprijott Tanil Raif.

## Gwangju Biennale 2026

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qed jipparteċipa fil-Biennale prestiġjuża ta' Gwangju fil-Korea t'Isfel fl-2026. It-tħejjijiet bdew fil-bidu tal-2025 bi żjara fuq il-post minn delegazzjoni tal-KMA fi Gwangju, li inkludiet laqgħat mal-organizzaturi tal-Biennale u kkonkludiet l-għażla tal-ispazju għall-Padiljun ta' Malta. Wara sejħa miftuħa, intgħażel il-proġett li se jirrappreżenta lil Malta fi Gwangju fl-2026, li jismu BEJN / IN-BETWEEN. Din hija l-ewwel darba li Malta se tieħu sehem f'dan l-avveniment, li stabbilixxa ruħu sew bħala wieħed mill-aktar avvenimenti importanti tal-arti kontemporanja fl-Asja, u jservi ta' pjattaforma għal artisti kontemporanji ewlenin sabiex jippreżentaw xogħol esperimentali u innovattiv.

It-tim artistiku ta' BEJN / IN-BETWEEN huwa magħmul minn erba' artisti kontemporanji ewlenin: Norbert Francis Attard, Sam Alekksandra, Julien Vinet, u Michael Quinton. F'dan il-proġett l-artisti se jimmappjaw ekosistema li tiżvolġi bejn Malta u l-Korea permezz ta' installazzjonijiet immersivi, li se jittrasformaw il-Padiljun ta' Malta f'għatba ħajja. Il-Padiljun se joħloq 'bejn' ġdid: sit sagru immaġinat mill-ġdid għall-era tal-polarizzazzjoni: mhux bħala kenn mit-tensjoni, imma bħala griġjol li fih jiġġeneraw id-dawl tagħhom enerġiji opposti.

## Il-Biennale tal-Arti ta' Venezja 2026

Imwaqqfa fl-1895, La Biennale di Venezia, l-akbar esebizzjoni ta' xogħlijiet ta' artisti kontemporanji internazzjonali, illum il-ġurnata hija rikonoxxuta bħala waħda mill-aktar avvenimenti kulturali prestiġjużi madwar id-dinja. Il-61 edizzjoni tal-Biennale tal-Arti ta' Venezja se ssir bejn it-9 ta' Mejju u t-22 ta' Novembru 2026. Għall-KMA din se tkun il-ħames parteċipazzjoni bil-Padiljun Nazzjonali tiegħu stess sa mill-2017, meta Malta daħlet mill-ġdid fil-Biennale bl-esebizzjoni Homo Melitensis: Storja mhux kompluta fi 19-il kapitlu. Il-KMA kien ikkummissjona wkoll il-parteċipazzjoni ta' Malta fl-edizzjonijiet tal-2019, 2022 u 2024, b'Maleth / Haven / Port—Heterotopias of Evocation, Diplomazija Astuta u I Will Follow The Ship rispettivament.

Adrian Abela, Charlie Cauchi u Raphael Vella se jirrappreżentaw lil Malta fl-edizzjoni tal-2026 bl-installazzjoni tagħhom "No Need to Sparkle: Experiments in Love and Revolution", ikkurata minn Margherita Pule. L-installazzjoni hija stedina biex inċedu għall-inċertezza u nħaddnu d-'dubju għaqli,' bħala filosofija għaż-żminijiet instabbli li qed ngħixu fihom. Il-Padiljun ta' Malta se jippreżenta spazju li jmur kontra l-konvinzjonijiet politiċi li jagħmlu ħafna ħoss, u minflok ipoġġi l-fiduċja tiegħu f'inċertezza radikali. "No Need to Sparkle: Experiments in Love and Revolution" se teżisti bħala triangulazzjoni ta' sistemi ta' twemmin li jiddiżintegraw quddiem għajnejna. Tliet xogħlijiet se jippreżentaw saffi ta' finzjonijiet u realtajiet jinbidlu, li jwassluna f'mogħdijiet mhux mistennija. Kull xogħol se jkun iċċirkondat minn konvinzjonijiet u fidijiet, iżda dawn se jitilfu s-sinifikat tagħhom bħala temi universali. Is-suppożizzjonijiet dwar it-tajjeb u l-ħażin, l-identità, u l-individwalità se jkunu żarmati b'mod sistematiku u eleganti.

## Zecchino d'Oro

Il-PBS u l-KMA nedew sejħa miftuħa għall-awdizzjonijiet għall-festival internazzjonali tal-kanzunetti tat-tfal Zecchino d'Oro 2025. Tfal li għandhom bejn 3 u 10 snin ġew mistiedna juru t-talenti tagħhom fil-kant u jirrappreżentaw lil Malta fuq il-palk internazzjonali. L-għaxar kantanti magħżula mbagħad irħewlha lejn Scicli, fi Sqallija, fejn kantaw quddiem panel internazzjonali biex jiksbu l-opportunità li javvanzaw għas-semifinali prestiġjużi taz-Zecchino d'Oro f'Bologna, li laħqu l-qofol tagħhom fi spettaklu televiżiv imxandar dirett fuq ir-RAI aktar tard matul is-sena. It-tfal Maltin Beppe Caruana, Eve Tonna u Luke Pavia rrappreżentaw lil Malta fis-semifinali.

## Osaka 2025 Expo, Il-Ġappun

Fit-2 ta' Settembru, fl-EXPO 2025 ta' Osaka, il-Ġappun, il-Padiljun ta' Malta esebixxa 'The Black Garment', produzzjoni mill-istudjo Azzopardi, ikkommissjonata mill-KMA u appoġġjata minn Malta Enterprise, l-Ambaxxata ta' Malta fil-Ġappun, il-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti, u Heritage Malta. 'The Black Garment' kien proġett tal-moda li esplora s-sinifikat kulturali u storiku profond tal-Għonnella Maltija, bħala kontinwazzjoni tattili tal-pubblikazzjoni ta' Luke Azzopardi 'Għonnella: Deconstructing the Garment', ippubblikata għall-ewwel darba fl-2011. Din il-kollezzjoni laqqgħet il-couture kontemporanja mal-ilbies folkloristiku tradizzjonali, u b'hekk ħolqot djalogu dinamiku bejn il-passat u l-preżent, ir-realtà u l-immaġinazzjoni. Il-wirja kienet tinkludi sitt reazzjonijiet tal-couture kontemporanja ispirati mill-'Għonnella' li ntlibset minn mudelli ħajjin bħala parti minn installazzjoni immersiva.

## Kennedy Centre f'Washington, L-Istati Uniti

Fis-6 ta' Novembru 2025, fil-Millenium Stage fil-Kennedy Centre, il-KMA f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata ta' Malta f'Washington esebixxa fużjoni ta' strumenti tradizzjonali Maltin u strumenti elettroniċi moderni mill-grupp Kantera.

## Retold: Ċelebrazzjoni tal-10 Anniversarju tal-Kma

Fl-10 anniversarju mit-twaqqif tiegħu, fl-2025 il-Kunsill Malti għall-Arti nieda l-inizjattiva msejħa "Retold" – li permezz tagħha s-sitt Padiljuni ta' Malta ppreżentati fil-Biennale tal-Arti ta' Venezja u fil-London Design Biennale matul dawn l-aħħar għaxar snin ġew esebiti f'Malta għall-ewwel darba, u l-istorja tagħhom "irrakkontata mill-ġdid".

L-installazzjonijiet li fl-2025 irrakkontaw mill-ġdid l-istejjer tal-Padiljuni ta' Malta kienu: "Urban Fabric" esebita fil-Foss tal-Imdina, "Revisiting Maleth" esebita fil-Mużew tal-Istorja Naturali fl-Imdina, "URNA" – ir-rebbieħa tal-London Design Biennale 2025, esebita f'Ħaġar Qim, "The Ship (unseen)" esebita fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu, "Homo Melitensis (still) An Incomplete Inventory in 19 Chapters" esebita f'MUŻA fil-Belt Valletta, u "BURNING WATERS: Diplomazija Astuta" esebita fil-Victor Pasmore Gallery fil-Belt Valletta.

# L-Intraprenditorija Kreattiva

## Ħarsa Ġenerali

Matul is-sena ġew implimentati għadd ta' azzjonijiet strateġiċi ewlenin immirati lejn l-iżvilupp u l-appoġġ tal-intrapriża kreattiva. Fosthom kien hemm riċerka u studji interni dwar oqsma importanti ta' prijorità relatati mal-istrateġija attwali tal-KMA għan-negozji kreattivi.

Il-KMA organizza u implimenta b'suċċess numru ta' inizjattivi, u wettaq diversi eżerċizzji interni ta' riċerka relatati ma' azzjonijiet strateġiċi ewlenin immirati lejn l-infrastruttura kulturali, bini tal-kapaċità, residenzi tal-artisti, inkubazzjoni tan-negozji u sistemi alternattivi ta' tassazzjoni.

Fost il-punti ewlenin ta' din is-sena, kien hemm ir-reviżjonijiet għall-inċentiv tat-taxxa fuq id-dħul ta' 7.5% għall-operaturi kulturali li jaħdmu għal rashom, li issa se jinfetaħ għal firxa usa' ta' prattikanti, u l-iddisinjar mill-ġdid u t-tnedija tal-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi, li permezz tiegħu l-operaturi kreattivi jistgħu jiksbu fondi biex iwettqu inizjattivi ta' riċerka u żvilupp u eżerċizzji ta' bini tal-kapaċità u jibdew jimplimentaw il-pjanijiet fit-tul għat-tkabbir tan-negozju tagħhom.

## Bini tal-Kapaċità

L-2025 rat l-ewwel grupp ta' apprendisti appoġġjati mill-Kunsill Malti għall-Arti jaħdmu ma' għaxar organizzazzjonijiet ospitanti differenti biex jiksbu esperjenzi ta' tagħlim prattiku. L-iskema ta' apprendistat tinkludi wkoll programm parallel ta' mentoraġġ b'immersjoni sħiħa, li permezz tiegħu prattikanti stabbiliti – individwi, organizzazzjonijiet u kumpaniji – jgħinu lill-apprendisti jifhmu xi tfisser li taħdem full-time fil-qasam rispettiv tagħhom.

Inizjattiva oħra ta' bini tal-kapaċità kienet l-edizzjoni tal-2025 tal-programm CASE (Creative and Social Entrepreneurship) Malta, li ttellgħet fl-ewwel kwart tal-2025. Dan il-programm huwa opportunità ta' taħriġ u mentoraġġ żviluppat u implimentat minn In Place of War bi sħab mal-KMA. CASE jistieden lil intraprendituri kreattivi emerġenti minn kwalunkwe sottosettur fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi sabiex jabbozzaw l-ideat tagħhom f'ambjent kollaborattiv fi spirtu ta' riflessjoni kritika u skambju ta' għarfien u ħiliet bejn il-pari. Wara għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ online, il-parteċipanti ġew mistiedna janalizzaw il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-ideat tagħhom, jirfinawhom u jiżviluppawhom fi pjan ta' negozju bażiku li jista' jiġi implimentat. Għaldaqstant, il-programm CASE mhux biss jagħti s-setgħa lill-parteċipanti biex jattwaw idea għal negozju kreattiv, iżda jipprovdilhom ukoll għarfien bażiku ta' kif tmexxi negozju kreattiv.

## Ftehimiet ġodda ta' kollaborazzjoni

Fl-ewwel kwart tas-sena, il-Kunsill Malti għall-Arti ffirma żewġ ftehimiet ġodda u importanti ta' kollaborazzjoni maħsuba biex isaħħu t-tkabbir sostenibbli u inkluživ fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta – wieħed mal-Park Nazzjonali ta' Malta u ieħor mal-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti. Il-ftehimiet se jsarrfu f'żieda fl-opportunitajiet għall-artisti, l-artiġjani u l-prattikanti kulturali biex jimxu 'l quddiem, waqt li jinvolvu lill-pubbliku f'esperjenzi kulturali sinifikattivi.

Il-memorandum ta' qbil mal-Park Nazzjonali Ta' Qali huwa msejjes fuq viżjoni kondiviża li tippromwovi opportunitajiet għall-artisti biex jikkontribwixxu għall-kalendarju artistiku u kulturali tal-park, waqt li fl-istess ħin tipprovdi spazju kwiet għal-laqgħat, id-disseminazzjoni tal-informazzjoni u r-residenzi kreattivi, appoġġjati mill-għarfien espert u r-riżorsi tal-KMA.

Il-ftehim mal-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti jiffoka fuq l-avvanz tal-istatus tal-prattikanti kulturali u kreattivi fi ħdan is-settur tal-artiġjanat. Il-kollaborazzjoni tfittex li tagħti s-setgħa lill-artiġjani waqt li tħeġġeġ l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fl-industrija tal-artiġjanat.

B'rabta ma' dan, il-KMA se jkompli jinvesti fil-Premju Ġieħ l-Artiġjanat, li jippromwovi l-kollaborazzjonijiet bejn l-artiġjani u d-disinjaturi. Investiment ieħor ġie allokat għall-organizzazzjoni ta' DesignMT, vetrina ta' kreattività fejn it-tradizzjoni tiltaqa' mal-innovazzjoni.

## Inċentivi fiskali

Sabiex jittaffew l-inċertezzi ekonomiċi għall-operaturi kulturali li jaħdmu għal rashom, li spiss jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol atipiċi u theddid eżistenzjali fit-tul li jġiegħlu lil ħafna jfittxu opportunitajiet professjonali f'setturi oħra, il-KMA kompla jirsisti b'suċċess biex titwessa' l-aċċessibbiltà għall-iskema. Dan mhux biss se jippermetti parteċipazzjoni usa' fl-iskema iżda joħloq ukoll kundizzjonijiet aktar ġusti u ekwi għall-operaturi kollha involuti.

Il-benefiċjarji tal-iskema issa jistgħu wkoll jibbenefikaw minn rata ta' taxxa ta' 7.5% fuq l-ewwel €50,000 dħul nett, minflok fuq l-ewwel €50,000 dħul fatturat. Dawn l-emendi għaldaqstant jiżguraw li aktar operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, li huma l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-KMA, jibbenefikaw mill-iskema b'implikazzjonijiet pożittivi diretti fuq in-negozji tagħhom u fuq il-kapital ekonomiku, kulturali u soċjali li jiġġeneraw.

# Ir-Riċerka u l-Evalwazzjoni

## L-Istrateġija 2030

Il-KMA evalwa l-impatt tal-Istrateġija 2025 u beda l-proċess tat-tfassil tal-Istrateġija 2030 abbażi ta' proċessi ta' konsultazzjoni interna u pubblika. Din il-ħidma inkludiet laqgħat b'diskussjonijiet fil-fond mal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll mal-Grupp ta' Ħidma ta' Rappreżentazzjoni Settorjali, magħmul minn prattikanti esperti f'diversi oqsma tal-kultura u l-kreattività, kif ukoll membri ta' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi. Ilkoll qasmu r-riflessjonijiet tagħhom dwar l-Istrateġija 2025 u qed jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Istrateġija 2030.

Dan ix-xogħol mexa id f'id mar-riċerka fuq kull dokument, rapport, statistika u kitba kritika li tista' taffettwa l-iżvilupp tal-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi (CCIS) f'Malta.

Dan il-qafas għen sabiex tfasslet il-konsultazzjoni pubblika, li involviet lil kull min jaħdem fis-setturi msemmija u għandu interess fl-iżvilupp tal-qasam permezz ta' sitt gruppi ta' diskussjoni mqassmin skont it-tema. Waqt il-fażi finali tal-konsultazzjoni ġiet abbozzata l-istrateġija l-ġdida, li nfetħet biex il-pubbliku jkun jista' jissottometti l-fehmiet tiegħu dwarha. Il-proċess, li se jiġi fi tmiemu fl-2026, iservi bħala għodda gwida li tinkludi linji gwida bbażati fuq il-valuri u l-prinċipji mħaddna mis-settur għas-snin mill-2026 sal-2030.

## Viżjoni 2050

Il-KMA ta sehmu għall-iżvilupp ta' Envision 2050, il-qafas nazzjonali għall-iżvilupp fis-snin li ġejjin, b'enfasi fuq l-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi (CCIS). Dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħiliet intanġibbli li jistgħu jwasslu għall-innovazzjoni u l-kompetittività. Diversi oqsma ewlenin tal-qafas ta' Viżjoni 2050 setgħu jibbenefikaw ħafna minn żieda fil-politiki u fokus akbar fuq l-arti u l-kultura. Fosthom kien hemm l-integrazzjoni tal-arti u l-kultura fl-iżvilupp ekonomiku, il-preservazzjoni tal-kultura u l-wirt storiku, l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-komunità, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, il-kollaborazzjoni transsettorjali u l-kejl u l-evalwazzjoni.

B'rabta mal-erba' pilastri ta' Envision 2050, ġie rrakkomandat li jkun hemm rikonixximent akbar tal-appoġġ lis-CCIS, fuq il-bażi li jinfetħu aktar possibbiltajiet lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli (l-ewwel pilastru). Billi jipprovdi programmi ta' arti fil-komunità, il-Gvern jista' jinvolvi diversi gruppi, fosthom popolazzjonijiet marġinalizzati, iħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, u b'hekk jindirizza servizzi aċċessibbli li jpoġġu liċ-ċittadin fiċ-ċentru (it-tieni pilastru).

L-implimentazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni fl-arti tista' tħeġġeġ il-kreattività u l-ħsieb kritiku, li huma ħiliet essenzjali f'suq tax-xogħol li qed jinbidel b'rata mgħaġġla. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-arti fil-kurrikulu tista' tħeġġeġ ġenerazzjoni li tapprezza d-diversità kulturali u l-wirt storiku, u b'hekk tikkontribwixxi lejn soċjetà reżiljenti (it-tielet pilastru). Ippjanar urban kollaborattiv bejn artisti, xjenzati ambjentali u dawk li jagħmlu l-politika jista' joħloq spazji pubbliċi funzjonali u ta' arrikkiment kulturali, u jappoġġja festivals kulturali, iffukati fuq is-sostenibbiltà, li jenfasizzaw prattiċi ekoloġiċi. Dawn l-istrateġiji għandhom l-għan li jippromwovu pajsaġġ kulturali rikk filwaqt li jagħtu prijorità lir-responsabbiltà ambjentali u lill-involviment tal-komunità għal użu aħjar u iktar intelliġenti tal-art u l-baħar (ir-raba' pilastru).

## Rieżami tal-Iskemi ta' Finanzjament

Permezz tal-Università ta' Malta, il-KMA ta bidu għar-rieżami tal-istrutturi, l-operat u r-riżultati tal-iskemi ta' finanzjament li għandu f'idejh. L-għan hu li jevalwa sa liema punt il-programm ta' finanzjament – strutturat f'varjetà ta' skemi, kull waħda tindirizza oqsma speċifiċi iżda komplementari tal-iżvilupp kreattiv – qed irawwem prattiċi kulturali u artistiċi sostenibbli li jikkontribwixxu lejn it-tkabbir tal-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta, kif ukoll lejn il-benesseri ġenerali.

Ir-rieżami kien jinkludi l-analiżi tal-karatteristiċi, l-effettività u l-kompatibilità tal-operazzjonijiet u l-istrutturi interni tal-KMA li jiffaċilitaw jew jostakolaw l-objettivi tal-iskemi u konsegwentement it-twettiq tal-għanijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni.

Ir-riċerka kellha l-għan li tinforma l-qafas ġenerali ta' evalwazzjoni kritika u rieżami tal-mekkaniżmi ta' finanzjament imħaddmin mill-KMA b'effett mill-bidu tal-2026. Ir-rieżami ttratta l-objettivi dwar l-investiment pubbliku tal-KMA għaċ-Ċiklu Strateġiku 2026-2030 stutturat abbażi tar-rieżami tal-Istrateġija 2025.

## Riċerka dwar l-Impatti Ekonomiċi

Il-KMA nieda kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta għal evalwazzjoni fuq sentejn tal-impatti ekonomiċi tal-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi (CCIS). L-għanijiet ġenerali huma li:

- → Tanalizza r-rabtiet u l-impatti tas-CCIS fuq l-iżvilupp ekonomiku.
- → Tipprovdi indikaturi ekonomiċi dwar is-CCIS f'Malta.
- → Tikkoordina l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' riċerka maħsuba biex tinforma politika li tindirizza l-objettivi u r-riżultati bħala parti mit-twettiq tal-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-KMA b'rabta mar-riċerka u l-evalwazzjoni.

L-objettivi speċifiċi jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

- Tevalwa l-potenzjal tas-CCIS ta' Malta billi timmappja, tikkonsulta u teżamina s-setturi minn perspettiva ekonomika.
- Tindirizza l-bżonnijiet għall-professjonalizzazzjoni tas-setturi fi ħdan l-ekonomija kreattiva.
- Tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal politika u strateġija li jindirizzaw il-ġenerazzjoni tal-introjtu u l-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija kreattiva.
- Tanalizza l-massimizzazzjoni attwali u potenzjali u s-sinerġija tar-riżorsi pubbliċi u privati għall-ekonomija kreattiva permezz ta' proċessi ekonomiċi, legali u amministrattivi effettivi.
- Tanalizza l-kontribut ekonomiku tas-CCIS f'Malta u tfassal profil ekonomiku tas-sottosetturi kulturali.
- Tanalizza s-suq tax-xogħol u l-prestazzjoni ekonomika tas-CCIS f'Malta.
- B'mod regolari tipproduċi rapporti dwar il-valutazzjoni ekonomika tal-ekonomija kreattiva ta' Malta abbażi tad-data mill-kontijiet nazzjonali, rapporti finanzjarji u data oħra relevanti li tkun disponibbli.
- Twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku tal-azzjonijiet ta' investiment pubbliku tal-KMA.

## Impenn lejn is-Settur Pubbliku

Permezz ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet li ġiet aġġudikata lil Culture Venture, twettaq eżerċizzju ta' riċerka dwar l-impatt tal-Culture Pass. Bl-adozzjoni ta' approċċ b'metodoloġija mħallta, il-KMA għen lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex jifhem aħjar l-impatt tal-iskema tal-Culture Pass fuq l-iskejjel u l-artisti benefiċjarji tagħha matul is-snin.

Ġie implimentat ukoll eżerċizzju ta' riċerka għall-Immappjar tal-Aċċessibbiltà, permezz ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet li ntrebħet mill-konsulenti ambjentali Adi Associates. Permezz tal-immappjar infrastrutturali tas-siti ewlenin immexxija mill-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs), l-evalwazzjoni għenet sabiex tiġi ddeterminata l-aċċessibbiltà fiżika, soċjali u lingwistika ta' dawn is-siti speċifikament mill-perspettiva tad-diżabilità. Din ir-riċerka kienet tinvolvi konsultazzjoni mal-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) abbażi tal-Memorandum ta' Qbil (MoU) attwali u inkludiet sett ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi skont il-post kif ukoll oħrajn ġeneriċi.

Ir-riflessjonijiet, rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet issuġġeriti mill-Grupp ta' Ħidma ta' Rappreżentazzjoni Settorjali ġew segwiti mill-qrib sabiex ġew infurmati l-politika, l-istrateġija u l-azzjonijiet tal-KMA skont id-direzzjoni strateġika tiegħu.

IT-TIENI TAQSIMA

# Il-Finanzjament

# Il-Finanzjament

Matul l-2025, il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) investa s-somma ta' €6,590,807 b'risq proġetti artistiċi. Il-Kunsill amministra portafoll ta' finanzjament li jiġbor fih total ta' 21 skema ta' finanzjament. B'kollox tressqu 766 applikazzjoni eliġibbli, b'risposta għal 33 sejħa għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju; 464 applikazzjoni ntlaqgħu u rċevew il-fondi.

Barra minn hekk, il-programmi multiannwali allokaw total ta' €300,000 lil organizzazzjonijiet kulturali fl-2025. Permezz ta' dan l-investiment, 15-il organizzazzjoni kulturali komplew jimplimentaw il-programmi tagħhom ta' attivitajiet fuq tliet snin taħt l-iskema tal-Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali – Programm ta' Malta (2023-2025). Dan l-appoġġ jippermetti lill-organizzazzjonijiet biex isaħħu l-kapaċità tagħhom billi jtejbu l-iżvilupp tal-ħiliet u jorganizzaw festivals, programmi u attivitajiet li jħeġġu l-iżvilupp tal-artisti u jgħollu l-kwalità tax-xogħol artistiku b'mod ġenerali.

L-Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali – Għawdex huwa programm separat fuq tliet snin li tnieda fl-2022, b'appoġġ lil seba' għaqdiet li huma attivi fis-setturi kulturali u kreattivi f'Għawdex. Fl-2024, sejħa għall-applikazzjonijiet identifikat tmien għaqdiet volontarji li se jkunu qed jiġu megħjuna matul il-perjodu 2025-2027 permezz ta' investiment ta' €400,000.

Għal kull skema nħarġu l-linji gwida u sett ta' regolamenti li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sit elettroniku artscouncilmalta.gov.mt, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni tal-iskema relevanti. Mal-ftuħ ta' kull sejħa, l-applikanti ngħataw sitt ġimgħat biex iressqu l-proposti tagħhom online permezz tas-sistema CRM tal-KMA. Daħlu applikazzjonijiet mingħand professjonisti kreattivi, artisti individwali, entitajiet irreġistrati mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, istituzzjonijiet edukattivi, gruppi, konsorzji, kollettivi, kunsilli reġjonali u għaqdiet volontarji iskritti mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji.

L-applikazzjonijiet kollha li daħlu kienu pproċessati skont metodoloġija definita minn qabel u spjegata fil-linji gwida u r-regolamenti ta' kull skema. L-applikazzjonijiet eliġibbli mxew għall-istadju tal-evalwazzjoni, li fih ġew assessjati skont il-parametri speċifiċi stabbiliti għal kull skema. L-evalwaturi ngħataw aċċess online sabiex jeżaminaw l-applikazzjonijiet individwalment, u kienu meħtieġa jissottomettu l-marki u l-kummenti tagħhom għal kull kriterju ta' evalwazzjoni. Imbagħad il-bordijiet tal-evalwazzjoni ltaqgħu għal sessjoni finali li fiha ddiskutew l-applikazzjonijiet eliġibbli u stabbilew l-ordni tal-klassifika skont il-medja tal-marki mogħtija.

Għall-ewwel darba, il-KMA ħa f'idejh ir-responsabbiltà tal-ġestjoni ta' skemi ġodda maħsuba biex jindirizzaw prijoritajiet strateġiċi ewlenin u jirrispondu għall-ħtiġijiet attwali tas-setturi kulturali u kreattivi f'Malta.

L-Iskema ta' Appoġġ għall-Mużika Maltija fuq Stazzjonijiet tar-Radju Privati għenet tliet benefiċjarji b'investiment ta' €30,000 biex tiżdied il-preżenza tal-mużika Maltija kontemporanja fuq ix-xandir. Ngħatat prijorità lil xogħlijiet ta' artisti lokali, b'mod speċjali dawk bl-ilsien Malti, b'inizjattivi li jippromwovu l-apprezzament kulturali, isaħħu l-industrija tal-mużika lokali, u jespandu l-udjenzi milħuqa permezz ta' programmi tar-radju ta' kwalità.

Il-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin, iffinanzjat b'mod konġunt mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Malti għall-Arti, huwa programm kollaborattiv imwassal fi sħubija ma' ARC Research & Consultancy. Permezz ta' din l-inizjattiva, il-KMA qed jappoġġja erba' proġetti ta' artisti u professjonisti kreattivi Maltin jew ibbażati Malta li qed jaħdmu fl-intersezzjoni tal-kultura, is-saħħa, il-benesseri u l-kura, b'rikonoxximent lejn ir-rwol vitali tal-prattika artistika fil-promozzjoni tas-saħħa olistika, l-inklużjoni soċjali, u l-benesseri tal-komunità.

Il-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi, programm fuq tliet fażijiet li jappoġġja l-innovazzjoni, il-bini tal-kapaċità u t-tkabbir sostenibbli fis-setturi kulturali u kreattivi, ħabbar ir-riżultati tal-ewwel fażi. B'kollox, tmintax-il parteċipant ġew magħżula biex jirċievu għotjiet li jappoġġjaw ir-riċerka bikrija, l-esplorazzjoni ta' ideat u l-ippjanar preliminari. Il-fond għandu l-għan li jinċentiva lill-operaturi kulturali u kreattivi biex jiżviluppaw kunċetti ġodda, isaħħu l-prattiki tan-negozju u jibnu organizzazzjonijiet reżiljenti, waqt li l-fażijiet sussegwenti jipprovdu mentoraġġ, appoġġ għall-bini tal-kapaċità, u finanzjament fuq diversi snin għall-implimentazzjoni u l-iskalar ta' proġetti li jirnexxu.

L-Iskema ta' Appoġġ għall-Iskrin tipprovdi għajnuna lil entitatjiet awdjoviżivi indipendenti biex jiżviluppaw u jtellgħu produzzjonijiet kulturali ta' kwalità għolja. Fl-2025 b'kollox ġew allokati €2,723,523 lil 59 benefiċjarju. Permezz tal-ħames fergħat attwali tagħha, l-iskema offriet għajnuna finanzjarja għall-fażi ta' qabel il-produzzjoni, fosthom il-kitba tal-iskript u l-iżvilupp tal-proġett, kif ukoll għajnuna għall-produzzjoni ta' films qosra u produzzjonijiet twal. Matul is-sena, il-KMA introduċa wkoll is-sitt fergħa – Internazzjonali, biex isaħħaħ il-preżenza globali tal-proġetti tal-iskrin Maltin billi jiffaċilita l-aċċess għal udjenzi, festivals u swieq internazzjonali, skont l-istrateġija usa' tal-KMA li jsaħħaħ il-viżibbiltà u l-impenn internazzjonali. Il-proġetti megħjuna mill-iskema jinkludu firxa diversa ta' xogħlijiet awdjoviżivi, fosthom animazzjoni, finzjoni, u dokumentarji.

Fl-2025 l-Iskema għall-Wirt Artistiku wieżnet lil 120 organizzazzjoni volontarja madwar Malta, permezz ta' żborż totali ta' €1,135,123. Il-finanzjament kien immirat

lejn tliet oqsma ewlenin: il-mużika strumentali tal-festa, li tappoġġja taħriġ strumentali, żvilupp u infrastruttura; is-saħħa u s-sikurezza fil-kmamar tan-nar, li tkopri tagħmir, makkinarju u taħriġ; u l-armar semi-permanenti tal-festi, inklużi d-disinn, il-manifattura u r-restawr. L-iskema tirrikonoxxi l-importanza tal-wirt Malti intanġibbli assoċjat mal-festi annwali tar-raħal, u għaldaqstant tgħin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' dawn it-tradizzjonijiet kulturali filwaqt li tħeġġeġ l-involviment tal-komunità, l-iżvilupp artistiku, u l-evoluzzjoni kontinwa tal-prattiki kulturali lokali.

Fl-2025, l-Iskema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali appoġġjat 40 artist u operatur kulturali Maltin jew ibbażati f'Malta b'total ta' €72,000, żieda ta' 100% fuq l-ammont ta' finanzjament mogħti fl-2024. L-iskema ppermettiet lill-benefiċjarji li joħolqu, jesponu u jippreżentaw ix-xogħol tagħhom lil udjenzi internazzjonali, filwaqt li jiksbu feedback siewi, jiżviluppaw ħiliet professjonali, jibnu networks, u jinvolvu ruħhom f'kollaborazzjonijiet transkonfinali. Din iż-żieda fl-appoġġ tirrifletti l-impenn tal-KMA biex isaħħaħ il-preżenza kulturali ta' Malta barra minn xtutna u jrawwem opportunitajiet internazzjonali għall-kreattivi lokali.

# Figuri Ewlenin

## Għall-2025

| Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali - Għawdex - Ammonti Mogħtija kull sena għal tliet (3) snin konsekuttivi (2025-2027) | |
|---|---|
| Applikanti | 10 |
| Benefiċjarji | 8 |
| Rata ta' Suċċess | 80% |
| Ammont Allokat | €400,000.00 |

| Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali - Malta - Ammonti Mogħtija kull sena għal tliet (3) snin konsekuttivi (2023-2025) | |
|---|---|
| Applikanti | 17 |
| Benefiċjarji | 15 |
| Rata ta' Suċċess | 88% |
| Ammont Allokat | €300,000 |

| Festival Internazzjonali tal-Orkestra tar-Rebbiegħa | |
|---|---|
| Applikanti | 1 |
| Benefiċjarji | 1 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €70,000 |

| Skema ta' Finanzjament għar-Restawr | |
|---|---|
| Applikanti | 23 |
| Benefiċjarji | 6 |
| Rata ta' Suċċess | 26% |
| Ammont Allokat | €89,462 |

| Skema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali | |
|---|---|
| Applikanti | 63 |
| Benefiċjarji | 40 |
| Rata ta' Suċċess | 63% |
| Ammont Allokat | €72,000 |

| Skema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp, Fergħa 1 - minn 18-il sena 'l fuq | |
|---|---|
| Applikanti | 53 |
| Benefiċjarji | 19 |
| Rata ta' Suċċess | 36% |
| Ammont Allokat | €34,000 |

| Skema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp, Fergħa 2 - bejn 8 snin u 17-il sena | |
|---|---|
| Applikanti | 32 |
| Benefiċjarji | 9 |
| Rata ta' Suċċess | 28% |
| Ammont Allokat | €15,929 |

| Riċerka u Żvilupp Artistiku | |
|---|---|
| Applikanti | 37 |
| Benefiċjarji | 7 |
| Rata ta' Suċċess | 19% |
| Ammont Allokat | €99,032 |

| Skema għall-Wirt Artistiku | |
|---|---|
| Applikanti | 120 |
| Benefiċjarji | 120 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €1,135,123 |

| Skema ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà | |
|---|---|
| Applikanti | 4 |
| Benefiċjarji | 2 |
| Rata ta' Suċċess | 50% |
| Ammont Allokat | €8,000 |

| Skema għall-Arti fl-Iskejjel | |
|---|---|
| Applikanti | 12 |
| Benefiċjarji | 9 |
| Rata ta' Suċċess | 75% |
| Ammont Allokat | €44,638 |

| Skema ta' Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 1: Kitba tal-Iskripts | |
|---|---|
| Applikanti | 39 |
| Benefiċjarji | 25 |
| Rata ta' Suċċess | 64% |
| Ammont Allokat | €569,157 |

| Skema ta’ Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 2: Żvilupp | |
|---|---|
| Applikanti | 19 |
| Benefiċjarji | 17 |
| Rata ta' Suċċess | 89% |
| Ammont Allokat | €766,950 |

| Skema ta’ Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 3: Films Qosra | |
|---|---|
| Applikanti | 10 |
| Benefiċjarji | 5 |
| Rata ta' Suċċess | 50% |
| Ammont Allokat | €159,050 |

| Skema ta’ Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 4: Produzzjoni (films twal) | |
|---|---|
| Applikanti | 9 |
| Benefiċjarji | 3 |
| Rata ta' Suċċess | 33% |
| Ammont Allokat | €1,064,868 |

| Skema ta’ Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 5: Programmi Kulturali | |
|---|---|
| Applikanti | 5 |
| Benefiċjarji | 5 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €99,998 |

| Skambji Kulturali Internazzjonali | |
|---|---|
| Applikanti | 35 |
| Benefiċjarji | 14 |
| Rata ta' Suċċess | 40% |
| Ammont Allokat | €150,000 |

| Skema ta' Appoġġ għall-Arti | |
|---|---|
| Applikanti | 78 |
| Benefiċjarji | 23 |
| Rata ta' Suċċess | 29% |
| Ammont Allokat | €593,671 |

| Skema ta’ Appoġġ għall-Iskrin - Fergħa 6: Internazzjonali | |
|---|---|
| Applikanti | 6 |
| Benefiċjarji | 4 |
| Rata ta' Suċċess | 67% |
| Ammont Allokat | €63,500 |

| Programm Reġjonali ta' Kooperazzjoni Kulturali | |
|---|---|
| Applikanti | 4 |
| Benefiċjarji | 4 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €77,509 |

| Mużika Maltija għal Stazzjonijiet tar-Radju Privati | |
|---|---|
| Applikanti | 4 |
| Benefiċjarji | 3 |
| Rata ta' Suċċess | 75% |
| Ammont Allokat | €30,000 |

| Micro Grant | |
|---|---|
| Applikanti | 37 |
| Benefiċjarji | 34 |
| Rata ta' Suċċess | 92% |
| Ammont Allokat | €100,000 |

| Skema ta' Appoġġ għall-Arti - Dritt għall-Kultura | |
|---|---|
| Applikanti | 30 |
| Benefiċjarji | 10 |
| Rata ta' Suċċess | 33% |
| Ammont Allokat | €198,347 |

| Pjattaforma għall-Industriji Kreattivi | |
|---|---|
| Applikanti | 20 |
| Benefiċjarji | 18 |
| Rata ta' Suċċess | 90% |
| Ammont Allokat | €36,000 |

| Skema ta' Appoġġ għall-Gazzetti | |
|---|---|
| Applikanti | 7 |
| Benefiċjarji | 7 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €119,908 |

| Għajnuna Finanzjarja lil Parroċċi Lokali | |
|---|---|
| Applikanti | 41 |
| Benefiċjarji | 41 |
| Rata ta' Suċċess | 100% |
| Ammont Allokat | €30,740 |

| Il-Fond tal-President għall-Kreattività | |
|---|---|
| Applikanti | 7 |
| Benefiċjarji | 1 |
| Rata ta' Suċċess | 14% |
| Ammont Allokat | €15,000 |

| Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin - Fergħa 1 | |
|---|---|
| Applikanti | 0 |
| Benefiċjarji | 0 |
| Rata ta' Suċċess | 0% |
| Ammont Allokat | €0 |

| Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin - Fergħa 2: Implimentazzjoni ta' Proġett | |
|---|---|
| **Applikanti** | 6 |
| **Benefiċjarji** | 4 |
| **Rata ta' Suċċess** | 67% |
| **Ammont Allokat** | €17,925 |

| Il-Fond tal-President għall-Kreattività - Sejħa Speċjali | |
|---|---|
| **Applikanti** | 15 |
| **Benefiċjarji** | 6 |
| **Rata ta' Suċċess** | 40% |
| **Ammont Allokat** | €150,000 |

| Għotja għal Sabbatiku għar-Riċerka Artistika | |
|---|---|
| **Applikanti** | 22 |
| **Benefiċjarji** | 4 |
| **Rata ta' Suċċess** | 18% |
| **Ammont Allokat** | €80,000 |

# Ammonti Mogħtija fl-2025

| Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali - Għawdex - Ammonti Mogħtija kull sena għal tliet (3) snin konsekuttivi (2025-2027) | | |
|---|---|---|
| **Soċjetà Filarmonika La Stella - Gozo** | Advancing the legacy of opera at Teatru Astra: a vision for the 2025-2027 productions | €85,000 |
| **Leone Philharmonic Society** | Opera in Gozo | €85,000 |
| **Gaulitanus Choir** | Gaulitana: A Festival of Music | €50,000 |
| **Victoria International Arts Festival** | Victoria International Arts Festival | €50,000 |
| **Schola Cantorum Jubilate** | SCJ projects | €50,000 |
| **CHORUS URBANUS** | Feel the Magic 2025-27 | €30,000 |
| **Gozo Youth Wind Orchestra Foundation** | Consolidate - Build - Embrace | €30,000 |
| **DCapitals Big Band** | Cittadella Arts Festival | €20,000 |

| Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali - Malta - Ammonti Mogħtija kull sena għal tliet (3) snin konsekuttivi (2023-2025) | | |
|---|---|---|
| **Teatru Salesjan** | Capacity Building - Building on the Past whilst looking ahead. The re-opening of Teatru Salesjan | €23,000 |
| **Magna Żmien Foundation** | Magna Żmien | €20,800 |
| **Soċjetà Mużikali Beland** | Beland Band Club - Future Proofing | €23,000 |
| **Moveo Dance Foundation** | Moveo - Aiding Sustainability | €20,800 |
| **Malta Entertainment Industry and Arts Association (MEIA)** | Capacity building to improve sectoral representation | €23,000 |

| Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali - Malta - Ammonti Mogħtija kull sena għal tliet (3) snin konsekuttivi (2023-2025) | | |
|---|---|---|
| **Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni** | Reboot - Post Covid - Team Building Event for Members | €2,700 |
| **Opening Doors Association** | Opening Doors Association: Elevating, Evolving, Empowering | €32,000 |
| **Inizjamed** | Il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta | €17,000 |
| **Electronic Music Malta** | Circuits Programme 2023 - 2025 | €12,000 |
| **Medina Foundation for Music** | Contrasting Concepts | €25,000 |
| **Kinemastik** | Kinemastik International Short Film Festival | €15,000 |
| **L-Għanja tal-Poplu** | L-Għanja tal-Poplu - Festival tal-Kanzunetta Maltija | €23,000 |
| **Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda** | Maltese Band Music Festival | €17,700 |
| **Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħal Għaxaq** | Summer Lust Music Festival | €20,000 |
| **Għaqda tal-Mużika San Gejtanu - Ħamrun** | Insaħħu l-kultura bandistika, l-ilsien Malti u l-irwol tal-każini f'Malta u Għawdex | €25,000 |

| Festival Internazzjonali tal-Orkestra tar-Rebbiegħa | | |
|---|---|---|
| **International Spring Orchestra Festival** | International Spring Orchestra Festival 2025 | €70,000 |

| Skema ta' Finanzjament għar-Restawr | | |
|---|---|---|
| **Assoċjazzjoni Rotunda** | Conservation and Restoration of 18th century Gilt and Polychromed Baptismal Font (Battisteru) | €14,998 |
| **Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Żurrieq** | Restawr ta' opra fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. | €15,000 |
| **Konfraternità tal-Immakulata Beata Verġni taħt it-Titlu ta' Lourdes** | Restawr u Konservazzjoni tal-Altar tal-Agunija u l-Madonna ta' Lourdes fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi: Proġett ta' Valur Storiku u Spiritwali | €14,950 |
| **Association of St. Mary of Jesus, Valletta** | Conservation and Restoration of the Sacristy Painted Ceiling at St. Mary of Jesus Church (Ta' Ġieżu), Valletta | €15,000 |
| **Ħbieb tat-Tempju Sant Elena** | Bell restoration | €15,000 |
| **Żabbar Parish Church** | Restoration of the altar painting of Saint Francis of Assisi by Francesco Zahra | €14,514 |

| Skema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali | | |
|---|---|---|
| **Text Catalogue** | Spreepark - A Living Monument | €1,972.00 |
| **Unfinished Foundation** | Unfinished Art Space sends artist to Go!2025 Biennale | €1,957.00 |
| **Victor Agius** | Faenza Prize - International Biennial of Contemporary Ceramics - Faenza Italy | €1,550.00 |
| **Steve Hili** | Steve Hili European Stand-Up Comedy Tour | €2,000.00 |
| **Francesca Grima** | Showcase performance for Gypsy/Roma Festival | €2,000.00 |
| **Wioletta Kulewska** | International Exhibition at the Muzeum im. Jana Dzierżona in Poland | €2,000.00 |
| **Simone Spiteri** | Artist Residency - Syros Island | €1,980.00 |

| Skema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali | | |
|---|---|---|
| **Daniela Attard** | Songs of Extinction: Artist residency and printmaking workshop in Iceland, tracing the roots and stories of extinct and near extinct birds | €2,000.00 |
| **Ryan Falzon** | Selected Artist - Ostrale Biennale (Dresden, Germany) | €1,802.00 |
| **Mighty Boards Ltd.** | Presenting new games at GenCon 2025 | €2,000.00 |
| **Trevor Borg** | We Are Here | €2,000.00 |
| **Costantino Oliva** | "Night Parade of 100 Demons" at ArtBit and BitSummit (Kyoto, Japan) | €2,000.00 |
| **Bettina Hutschek** | Encountering Atlantis Performance Lecture | €2,000.00 |
| **Zofia Stelmaszczyk** | Participation in the Arts Festivals Summit 2025 Edinburgh | €1,587.00 |
| **Diellza Ilgner** | IETM Berlin Plenary Meeting 2025 | €559.00 |
| **Morsrot** | Wacken Festival Participation Funding | €2,000.00 |
| **Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni** | Cultures in Harmony: Uniting at Carpineto | €2,000.00 |
| **Aldith Gauci** | Ecoperformance-making: Sharing findings at CARPA9 | €1,058.00 |
| **Nigel Baldacchino** | Promise Litter - Artist Residency & Solo Exhibition at DATZ museum of art | €2,000.00 |
| **Locals Malta** | Locals Malta to perform in Germany | €1,535.00 |
| **Marta Vella** | Kavala Artist Residency | €2,000.00 |
| **Audrey Rose Mizzi** | Participation in the 27th ICOM General Conference in Dubai - Novemeber 2025 | €2,000.00 |
| **Gabriel Chetcuti** | Embodied Ruins: Reconfiguring Ornament through Digital Performance | €1,650.00 |

| Skema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali | | |
|---|---|---|
| **Rachel Gauci** | New Dialogues: Contemporary piano music from Malta and Austria | €1,440.00 |
| **Lucien Houtkamp** | Taiwan 2026 | €2,000.00 |
| **Karina Fiorini** | The 14th Geneva Writers Group Conference | €1,211.00 |
| **Tara Dalli** | Performance in Gwangju Biennale 2026 | €2,000.00 |
| **Patrizia Madiona** | Artist Residency AiRK Japan | €2,000.00 |
| **Aidan Somers** | AISO Academy at IMS Dubai 2025 | €2,000.00 |
| **Gabriel Zammit** | IKT Curators Congress | €2,000.00 |
| **Rebekah Camilleri Kamsky** | Creative Growth through Photography Retreat in Scotland | €2,000.00 |
| **Karl Friggieri** | Metal Festival in Germany - 2026 | €2,000.00 |
| **Paul Haber** | Conversazioni cromatiche | €2,000.00 |
| **Sam Vassallo** | Organhaus residency | €2,000.00 |
| **Michelle Gialanze** | Venice Biennale Participation in Group at ECC | €2,000.00 |
| **Alexander Mifsud** | Alexander Mifsud - Touring Bassist for Kodin Hill & The Pressed Pills - 2025 November TOUR | €1,300.00 |
| **Joseph Gatt** | London Book Fair 2026 | €1,939.00 |
| **Corneliu Cracana** | Corneliu Cracana - Touring Guitarist for Kodin & The Pressed Pills - UK TOUR November 2025 | €1,300.00 |
| **Cody Pace** | Kodin Hill - Touring frontman for Kodin Hill N' The Pressed Pills | €1,300.00 |
| **Clayton Gauci** | The Pressing Matters 2025 Tour ! - Kodin Hill & The Pressed Pills UK Tour | €1,300.00 |
| **Francesca Tranter** | Global Artistic Engagement for Dance Festival Malta | €560.00 |

| Skema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp, Fergħa 1 - minn 18-il sena 'l fuq | | |
|---|---|---|
| **Angela Bettoni** | ImPulsTanz - Vienna International Dance Festival: danceWEB Scholarship Programme for further training in contemporary dance and performance | €2,000.00 |
| **Matthias Camilleri** | Circus and Clown Training in Canada - Professional Development of Matthias Camilleri | €2,000.00 |
| **Alan Sciberras Narmaniya** | Mastering the Bel Canto Technique | €2,000.00 |
| **Roberta Micallef** | Learn with the Masters - Textile Traditions of Kutch | €2,000.00 |
| **Matteo Caruana Bond** | Summer intensive acting training at Acting Studio | €2,000.00 |
| **Francesca Bartolo** | Opera Caledonia - Vocal Studio Course | €2,000.00 |
| **Lea Ellul Sullivan** | International Ballet Masterclasses in Prague | €2,000.00 |
| **Angela Cassar** | Laia Abril Workshop | €2,000.00 |
| **Elena Gatt** | Masterclasses Course for Trumpet | €1,000.00 |
| **Charlene Galea** | Anfibia Training Program: 'Cracks of Narratives' | €2,000.00 |
| **Lou Ghirlando** | "The Body in the Room" A Bespoke Embodied Mentorship Intensive in Eating Disorder Dramatherapy | €2,000.00 |
| **Marvic Baldacchino** | Opera Affinity Festival: Opera and Vocal Program | €2,000.00 |
| **Owen Caruana** | Writer, Engineer, Producer in the Home Studio | €1,337.00 |
| **Nicole Bugeja** | Primary Certificate in Performance Coaching | €405.00 |
| **Higan Lisboa** | Screenplay Workshop - Solace23 | €1,904.00 |
| **Alexine Sammut** | Professional Development in Children's Book Illustration | €1,721.00 |

| Skema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp, Fergħa 1 - minn 18-il sena 'l fuq | | |
|---|---|---|
